**4 ta' Frar, 1961**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. J. Flores, B.L. Can., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Perit Louis Portelli, B.E. & A., A. & C.E.

**Perit — Negliġenza — Responsabbiltà Kriminali tal-Professjonista — Żball — Danni — Art. 239 tal-Kodiċi Kriminali.**

*Għall-kostituzzjoni tar-reat involontarju hu meħtieġ li tirrikorri kondotta volontarja negliġenti — konsistenti ġenerikament f'nuqqas ta' ħsieb, traskuraġni, jew nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni, jew speċifikatament f'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti — li tkun segwita b'ness ta' kawżalità minn event dannus involontarju; u għall-aċċertament tal-ħtija minħabba kondotta negliġenti għandu jsir il-konfront tal-kondotta effettivament adoperata ma' dik tal-"bonus pater familias".*

*Fil-każ tal-professjonista, id-diliġenza li dan għandu jadopera hi dik ta' bniedem ordinarjament kompetenti fil-professjoni tiegħu. Jekk jieħu żball fil-professjoni tiegħu, hu ma jirrispondix għad-danni, jekk l-iżball ma jkunx grossolan, u jekk tkun ġiet minnu adoperata d-diliġenza ordinarja li trid il-liġi. Huwa mhux tenut għad-danni riżultanti minn żball professjonali, ammenokkè dan l-iżball ma kienx grossolan, u ammenokkè l-ħlija ma tkunx tista' tiġi lilu addebitata minħabba nuqqas ta' prudenza u attenzjoni ta' missier tajjeb tal-familja.*

Il-Qorti:— Rat ir-rikors li bih l-Arkitett u Inġinier Ċivili Louis Portelli appella mis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta tal-21 ta' Mejju 1960, u talab li jiġi liberat minn kull imputazzjoni u piena;

Rat l-imsemmija sentenza, li biha l-appellant ġie misjub ħati illi tal-Qali, fil-limiti ta' H'Attard, fil-ġibjun tal-Gvern, bħala Senior Water Engineer fid-Dipartiment tal-Ilma u Elettriku, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, b'nuqqas ta' ħila fl-arti u fil-professjoni tiegħu, u b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti, ikkaġuna l-mewt ta' Anthony Pace, Emmanuele Abela u Paul Zammit, kif ukoll ikkaġuna danni ta' £42,260 fil-proprjetà tal Gvern Ċivili: liema danni saru meta ġġarfet parti kbira tal-imsemmi ġibjun fl-4 ta' Ġunju 1959; u b'liema sentenza l-imputat ġie kundannat għall-multa ta' mitt lira (£100) skond l-art. 329 u 342(a) tal-Kodiċi Kriminali;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Bħala Senior Engineer fid-Dipartiment tal-Ilma u Elettriku, l-appellant ġie nkarigat mir-redazzjoni u eżekuzzjoni ta' proġett għall-konversjoni ta' erbgħa ġwiebi tal-Qali f'reservoir kbir. Huwa pproġetta l-opra skond il-pjanta dokument "X", u fit-8 a.m. tat-2 ta' Ġunju 1959 beda l-pumpjar tal-ilma għall-ewwel darba, fil-ġwiebi numri 1 u 2, u kompla sat-3 p.m. tal-4 tal-istess xahar. Dak inhar, f'xi l-4 p.m., il-ħajt li jissepara t-tieni mit-tielet ġibjun, li allura kien vojt, ċeda, u miegħu ċediet sezzjoni

tas-saqaf; u Anthony Pace, Emmanuele Abela u Paul Zammit, li kienu fil-ġibjun numru 3, tilfu ħajjithom;

B'digriet tal-4 ta' Ġunju 1959, l-Ewwel Qorti nnominat lill-arkitetti u inġinieri ċivili Professur Gatt u Gaston Bianchi biex jassistuha fl-aċċess, u biex, jumejn wara, jirrelataw fuq l-inċident, billi jiddeskrivu l-ġibjun, it-tiġrif u l-ħsara, jistmaw il-ħsara, u jispjegaw il-kawżi tat-tiġrif u, jekk possibbli, jistabbilixxu r-responsabbiltà;

B'rapport tas-6 ta' Ġunju 1959, il-periti, wara li ddeskrivew il-ġibjun u kkonstataw u stmaw il-ħsara, għaddew biex jispjegaw il-kawża tat-tiġrif, u qalu hekk:—

"Għandna ngħidu mill-bidu illi dan il-proġett mit-twelid tiegħu kien sfortunat, billi kien jikkontempla xogħol rilevanti u ta' entità f'partijiet vitali tas-sistema tad-distribuzzjoni tal-ilma għas-servizz publiku. Inxebbħu l-idea u l-eżekuzzjoni tal-proġett għal dik ta' missier ta' familja li jsib ruħu fil-bżonn li jkabbar l-abitazzjoni tiegħu minħabba l-kobor tal-familja, imma ma jistgħax ibattal il-post fejn jgħammar u jkollu jagħmel ix-xogħol waqt l-okkupazzjoni tal-kumditajiet li għandu. Fil-każ tagħna, il-kap tal-familja huwa l-inġinier arkitett li kkonċepixxa l-idea tal-opra li l-esponenti qegħdin jirraportaw fuqha. L-abitazzjoni tirrappreżenta l-ġibjuni l-qodma ("service tanks") li fihom sar ix-xogħol; il-membri tal-familja, l-ilma tas-"service tanks";

"Il-fatt illi ma tistgħax tbattal l-abitazzjoni biex tagħmel ix-xogħol jirrappreżenta ċ-ċirkustanza li kien insab fiha d-direttur ta' dan il-proġett, li ried iżomm, fis-sistema tad-distribuzzjoni tal-ilma, is-servizz tat-tankijiet għal żmien twil kemm seta' — idea sabieħa għaliex turi s-sollecitudini tal-inġinier direttur għall-bżonnijiet tal-popolazzjoni. Kienet tant attraenti din l-idea għall-inġinier, illi f'rasu ħadet tant importanza li atrofizzat il-fakoltajiet tiegħu għall-kawteli li s-soltu jittieħdu bħala preparazzjonijiet għall-prosegwiment tax-xogħol. Minn hekk ġew ommessi ħafna assaġġi li normalment kellhom isiru minn ta' l-ewwel, qabel ma jibdew isiru l-pjanti, il-kalkulazzjonijiet u d daqs tal-partijiet komponenti l-opra; għaliex minn dawn

l-assaġġi jiddependi l-iżvilupp tal-idea fil-komponenti tagħha;

"Mix-xhieda rriżulta illi l-assaġġi tal-ħtieġa li qegħdin insemmu ma sarux. Nalludu għall-aktar parti delikata tal-opra, u nillimitaw ruħna għall-partijiet ta' ġewwa tal-opra;

"Il-pedamenti tat-taqsim ta' ġewwa saru fuq il-ħitan diviżorji li jaqsmu l-ġibjuni jew ġwiebi li kienu jeżistu; u l-erbgħa ġwiebi antiki, illi bl-opra l-ġdida saru jiffurmaw il-qiegħ tal-ġibjun il-kbir, kienu mħaffra fil-blat franka; u għalhekk id-diviżjonijiet minn tank għall-ieħor kienu tal-blat franka imħolli apposta biex iservi ta' separazzjoni. Dan il-blat ma ġiex spezzjonat kif tirrikjedi l-arti tal-kostruzzjoni, billi ma ġiex maqlugħ il-battum tagħhom, minħabba li l-ġwiebi baqgħu fis-servizz. Di pjù, dawn is-separazzjonijiet kienu jerfgħu fil-parti ta' fuq tagħhom is-saqaf magħmul minn ħnejjiet għall-vojt u kaptelli, bil-materjal fuqhom għalbiex is-superfiċi tiġi nvellata. Irriżulta mix-xhieda illi dan is-saqaf iżżarma l-aħħar ħaġa, wara li kien tlesta s-saqaf il-ġdid tal-opra li tinviluppa l-qadima, ċjoè l-erbgħa ġibjuni fil-qiegħ bis-soqfa tagħhom;

"Allura l-għoli tal-ilma fuqhom kien jasal sa mill-bidu tal-ħnejjiet jew ftit iżjed il-fuq. Il-lum, bil-kostruzzjoni l-ġdida u bl-eliminazzjoni tas-soqfa tal-erbgħa ġwiebi fil-qiegħ, l-ilma f'dawn l-erbgħa ġwiebi jitla' l-għoli tal-ħnejjiet iżjed milli kien jitla' qabel ma sar dan ix-xogħol. Dan l-għoli miżjud b'dak prodott bl-eliminazzjoni tal-ħnejjiet, ikkawża effett li kien qiegħed jaġixxi fuq waħda minn dawn id-diviżjonijiet tal-blat imsemmija aktar qabel meta ġrat id-disgrazzja;

"Għandna nirrilevaw, hawnhekk, illi bix-xogħol il-ġdid id-diviżjonijiet bejn il-ġibjuni antiki sofrew dawn iż-żewġ modifikazzjonijiet, li sfortunatament kienu t-tnejn ta' preġudizzju gravi għall-istabbilità tagħhom:— (a) L-ilma seta jitla' kontra tagħhom l-għoli li kien jitla' fl-antik, miżjud dan il-għoli bl-għoli li kienu jokkupaw il-ħnejjiet bis-saqaf ta' fuqhom; (b) is-sostenn li kellhom fit-tarf ta'

fuq mill-ħnejjiet għall-vojt u bil-piż ta' fuqhom ġew eliminati;

"L-iskema kien proġettat illi dawn il-ġwiebi qodma setgħu jintlew simultaneament tnejn tnejn. Meta tnejn jintlew, l-ilma jfur u jaqa' fit-tieni tnejn. Komplut il-mili ta' dawn it-tieni tnejn, l-ilma allura jibda l-kors tiegħu għall-parti sovrapposta għall-ġwiebi antiki, komposta din il-parti sovrapposta minn erbgħa ħitan skarpati ("retaining walls") in kwantu għall-perimetru, u l-area ċirkoskritta riparata mis-saqaf tar-"reinforced concrete" miżmum minn serje ta' pilastri u travi ta' l-istess materjal;

"Sfortunatament għall-każ, is-separazzjoni bejn l-ewwel par ta' ġwiebi u t-tieni par, hija l-idjaq, ċjoè l-anqas ħoxna, ċjoè ħoxna 6'6", b'għoli ta' xi 22'02" f'tarf wieħed u fit-tarf l-ieħor, ċjoè fuq in-naħa tal-ħruġ tal-ilma xi 25'0" minħabba l-pendil. L-ilma kien kważi wasal dan l-għoli meta ġrat id-disgrazzja;

"L-esponenti jirrilevaw illi l-opra ġiet konsenjata għas-servizz nhar it-Tlieta, 2 ta' Ġunju, għal xi l-ħabta tat-tmienja ta' filgħodu, wara li kien sar it-tnaddif u d-diżinfettar, billi beda jintefa' l-ilma bil-pompi fil-ġwiebi numri 1 u 2. Il-pumpjar, ħlief għall-interruzzjoni żgħira ta' ċirka sigħa nhar it-Tlieta wara nofsinhar, kompla sa nhar il-ħamis, 4 tax-xahar, sa xi t-3 p.m.;

"Nirrilevaw ukoll illi ma rriżultax li kien hemm dawk il-prekawzjonijiet rikjesti mill-prudenza li wieħed normalment juża fuq ansjetà għar-riżultat tajjeb tax-xogħol. Il-pumpjar dam sejjer xi erbgħa u ħamsin sigħa, u matul dan iż-żmien ħadd ma rċieva istruzzjonijiet biex josserva l-effetti tat-tagħbija li kienet man man bdiet taħdem fuq id-diviżjoni bejn il-ġwiebi numri II u III bil-mili tal-ewwel par ta' ġwiebi;

"Għall-ħabta ta' dan il-ħin ġie l-Perit Portelli għall-ispezzjon ("routine inspection"). Kienet allura kważi mimlija bl-ilma s-sezzjoni I u II. Il-Perit Portelli niżel mat-"turncock" Ninu Mizzi fil-ġiebja numru III, li dak il-ħin kienet vojta, biex jispezzjona, u osserva illi s-separaz-

zjoni bejn il-ġiebja numru II u l-ġiebja numru III kienet qegħda tagħmel "jet" ta' ilma qiesu ħiereġ minn vit. Fuq dan, il-diversi xhieda jgħidu illi l-ħajt kien qiegħed jagħmel l-ilma minn diversi postijiet, u l-aktar fin-naħa tal-baxx. Il-Perit Portelli tela' fuq u ta istruzzjonijiet lill-foreman Pace biex iwaqqaf il-pumpjar u jinżlu l-ħaddiema biex jillokalizzaw il-postijiet li kienu jagħmlu l-ilma, u wara li jiġi kkunsmat l-ilma jsiru r-riparazzjonijiet. Sa dan it-tant telaq u laħaq wasal il-Belt. Ma għaddiex intervall twil mill-mument li ħalla l-Perit Portelli sakemm ġrat id-disgrazzja;

"Mill-eżami li l-esponenti setgħu jagħmlu man man li beda jinżel il-livell tal-ilma li bl-esplozjoni nxtered f'erbgħa ġwiebi, l-esponenti osservaw illi d-diviżjoni tal-blat bejn il-ġwiebi numri II u III inqalbet kważi mat-tul kollu tagħha fil-ġiebja numru III, waqt illi l-istruttura fuqha, ċjoè pilastri, travi u soqfa, waqgħu fil-ġwiebi numri II u III. Dan il-fatt jikkonferma ir-riżultat li l-esponenti ottenew bil-kalkoli li għamlu fuq l-effetti tal-forza u piżijiet li ġew jaġixxu fuq dan il-ħajt bil-għoli tal-ilma ġa deskritt. Jirriżulta illi l-ispinta kbira li kienet tagħmel fuq id-diviżjoni tal-blat bejn it-II u t-III ma kienetx kontrobbilanċjata u qalbitha fil-ġibja III, waqt li dan il-moviment trasmess immedjatament fil-bażi tal-pilastri sovrastanti, qaleb dawn il-pilastri għal biċċa l-kbira fil-ġiebja numru II";

Fis-seduta tas-26 ta' Ottubru 1959 (fol. 33), l-istess periti qalu:— "Il-fissuri li kien hemm, anki mhux orizzontali, ma kienux importanti għas-"slipping" tal-ħajt";

Ikkunsidrat;

L-Ewwel Qorti waslet għall-konklużjonijiet tagħha fuq dawn ir-riflessjonijiet, kif hemm fis-sentenza appellata:

Illi r-riżultanzi tal-proċess jinsabu eżawrjentement trattati fid-diversi relazzjonijiet tal-periti tekniċi u fin-noti ta' osservazzjonijiet tal-imputat u tal-Kummissarju tal-Pulizija, u l-Qorti tħoss li b'eżami ta' dawn u b'konfront tad-diversi argumenti riportati fihom tista' bl-aħjar mod tasal għall-konklużjoni dwar il-ħtija jew le tal-imputat.

Però, il-Qorti tħoss li jkun utili li qabel kollox jiġi stabbilit *sewwa x'ġara minn ftit qabel id-disgrazzja sa meta sar il*-proċess verbal mill-maġistrat inkwirenti;

"Fl-4 ta' Ġunju 1959, fis-2 p.m. ċirka, l-imputat, li huwa ċ-Chief Engineer fil-Water Works Department, u li taħt id-dipartiment tiegħu jaqa' r-reservoir ta' Qali, fejn ġrat id-disgrazzja, telaq mill-uffiċċju tal-Belt u mar jagħmel "routine inspection" bħas-soltu. Dak inhar, meta wasal l-imputat, tnejn mill-erbgħa kompartimenti li fih ir-reservoir kien qed jiġi ppumpjat l-ilma fihom, u t-tnejn l-oħra *kienu vojta. Huwa niżel fil-kompartiment vojt li jmiss* mat-tnejn li kellhom l-ilma, u nnota li fil-ħajt tal-blat xi ħames piedi għoli mill-art kien hemm tnixxija tal-ilma. X'qal l-imputat lill-foreman li kien qed jakkompanjah, però li ma niżelx sa isfel, imma baqa' fuq ix-xifer tal-ħajt, dwaru, hemm diversi versjonijiet; u billi dan jista' jkollu rilevanza għar-responsabbiltà tal-imputat għall-mewt talistess foreman u żewġ impjegati oħra, dwaru jsiru osservazzjonijiet aktar il-quddiem, appuntu meta tiġi trattata r-responsabbiltà fl-imputat għall-mewt tagħhom. L-imputat *mar allura fl-uffiċċju tal-Belt. Il-foreman, meta telaq* il-perit, niżel fil-kompartiment numru III, niżżel miegħu lil Carmelo Vella, Paolo Sammut u Manwel Abela, biex jimmarkaw fejn kien qed inixxi l-ħajt, biex wara jiġi rranġat wara li jiġi svujtat l-ilma. Dawn sabu li l-ħajt kellu diversi postijiet inixxu kważi mat-tul kollu tiegħu, immarkaw dawn il-postijiet bil-baqqun, u kienu qed jirritornaw, x'ħin ġrat id-disgrazzja f'xi t-3.45 p.m. Carmelo Vella laħaq skappa mentri l-foreman Anthony Pace u Paolo Sammut u Manwel Abela baqgħu mejtin taħt il-materjal. Il-Maġis*trat tal-Għassa mar fuq il-post dak inhar stess fis-6 p.m.*, u nnomina lill-Periti Prof. John Gatt u Gaston Bianchi biex jassistuh, u sema' x-xhieda dwar l-inċident dak inhar stess u l-għada 5 ta' Ġunju 1959. Fis-6 ta' Ġunju żamm aċċess ieħor, u dak inhar stess il-periti pprezentaw ir-relazzjoni tagħhom a fol. 73 tal-proċess, li fiha addebitaw ir-responsabbiltà għad-disgrazzja lill-imputat. Wara ttieħdu dawn il-proċeduri kontra tiegħu;

"Billi din il-Qorti ħasset li l-periti tekniċi setgħu kienu *mgħaġġlin iżżejjed biex jippreżentaw ir-rapport tagħhom,*

li huma fil-fatt lestew, ipprezentaw u ħalfu appena jumejn wara n-nomina tagħhom, hija reġgħet semgħethom bosta drabi, u tathom inkarigi oħra, fosthom, u l-aktar importanti, dak li jispeċifikaw dettaljatament il-konklużjonijiet tagħhom dwar l-insuffiċjenza tal-wisa' tal-ħajt bejn il-kompartimenti numru II u numru III. Dawn infatti ppreżentaw relazzjoni oħra, korredata b'diversi dijagrammi esplikattivi, li fiha reġgħu waslu għall-konklużjoni li l-ħajt in kwistjoni ma kienx wiesgħa biżżejjed, u li d-disgrazzja, ċjoè l-fatt li dan il-ħajt ikkollassa, kienet prinċipalment dovuta għal hekk; u dan in-nuqqas fil-wisgħa tal-ħajt mhuwiex żgħir; il-ħajt kellu "average" ta' bejn 6'8" u 6'11" wisgħa, mentri skond il-kalkoli tal-istess periti dan kellu jkollu l-wisa' ta' 17.5 ft.;

"Niġu issa għall-eżami tar-relazzjonijiet peritali u għall-kommenti tagħhom fin-noti tal-imputat u tal-Prosekuzzjoni;

"Apparentement ma hemmx kontestazzjoni li l-ħajt in kwistjoni kien monolitiku, u li l-awturi għamlu l-kalkoli għall-"Masonry Walls", ċjoè ħitan mibnija, li ma japplikawx għall-ħitan monolitiċi, u li ma hu trattat minn ħadd il-konfront bejn ir-reżistenzi ta' dawn iż-żewġ kwalitajiet ta' ħajt; anzi l-periti ġudizzjarji jgħidu li tant blat sħieħ kemm bil-ġonot għandhom l-istess reżistenza, jekk ma tidħolx tensjoni. Hija appuntu din it-tensjoni li ma tiġix miżurata u kalkulata; din hija "unknown quantitiy" għal opri kbar bħal dik taħt eżami. Din it-tensjoni, għalkemm ix-xjenza tissuġġerixxi li, billi mhix kalkolabbli, ma għandhiex tittieħed in konsiderazzjoni, fil-fatt hawn Malta hawn użu kostanti li l-periti u l-bennejja javdaw fuqha għal dak li jirrigwarda turġien, saljaturi, xorok, eċċ., għaliex raw mill-esperjenza ċentenarja, li dawn joffru tensjoni biżżejjed għall-iskop li għalieh dawn jiġu adibiti. Dan huwa l-argument tad-difiża; il-periti ġudizzjarji għamlu l-kalkoli tagħhom mingħajr ma taw każ tat-tensjoni tal-ħajt monolitiku in kwistjoni, mentri hawn Malta l-użu kostanti huwa li t-tensjoni tittieħed in konsiderazzjoni;

"Fejn l-argument tad-difiża jiżbalja huwa fil-bażi tiegħu; għal turġien, xorok, eċċ., it-tensjoni hija meħuda

in konsiderazzjoni, u huwa użu kostanti li l-bennej javda għar reżistenza ta' dan ix-xogħol fuq it-tensjoni tal-ġebla; appuntu għaliex in-numru tal-opri simili li saru bil-ġebla ma'tija sa minn żmien tant twil li aktarx meta saru l-ewwel xorok l-ewwel blajjet jew l-ewwel turġien, ħadd ma kien jaf jikkalkola t-tensjoni, huwa tant kbir u varju li huwa biżżejjed biex jispira dik il-fiduċja li ġġiegħel lill-kostruttur jagħmel turġien u opri simili, li skond it-teorija pura jmisshom jaqgħu, imma fil-fatt ma jaqgħux u jibqgħu f'posthom jadempixxu s-servizz li għalihom ġew magħmula. Però meta niġu għal opri kbar ħafna, għall-ġebel monolitiku tad-daqs tal-ħajt li waqa' fil-ġibjun in kwistjoni, ma niltaqgħux ma numru rilevanti; xogħolijiet simili huma rarissimi, u min hu responsabbli tas-solidità tax-xogħol li jsir ma jistgħax, mingħajr riskju, javda din is-solidità fuq dan il-fattur inkonjitu u inkalkulabbli tat-tensjoni tal-ġebla sempliċement għax jaf li din, f'xogħol relattivament żgħir, uriet li għandha xi tensjoni. Min jaġixxi b'diliġenza, anki normali, ma jħallix ir-riskju ta' kroll ta' ħajt jiddependi minn fattur injot u li dwaru ma hemmx esperjenza biżżejjed, imma għandu jagħmel il-kalkolu tiegħu fuq fatturi noti u kalkulabbli, bħal ma huma dawk ta' ħajt mibni ("masonry wall"), u fl-aħħarnett, jekk ikun il-każ jagħmel "allowance" żgħira għat-tensjoni tal-ġebla;

"L-imputat jgħid li dawn il-kalkoli għamilhom. Fix-xhieda tiegħu quddiem il-Maġistrat inkwirenti huwa jgħid li għamel kalkoli dwar ir-reżistenza tal-ħajt qabel ma lesta l-proġett; dawn il-kalkoli disgrazzjatament fittixhom u ma sabhomx, u d-difiża ma wrietx lill-Qorti kif saru dawn il-kalkoli u fuqhiex kienu bażati. Għalhekk il-Qorti, kull ma għandha quddiemha huma l-kalkoli magħmulin minn dawn l-esperti fuq ordni tal-Qorti, mhux meta ġrat id-disgrazzja u riedu jlestu r-relazzjoni tagħhom malajr, imma waqt dan il-proċess, meta l-Qorti ħasset li kien neċessarju li jiġi stabbilit kemm seta' jirreżisti l-ħajt kif kien fil-ħin tad-disgrazzja, u kemm imissu kien wiesgħa biex jissaporti l-pressjoni tal-ilma meta jiġi kunsidrat il-livell li fih kien wasal l-ilma fil-mument li ġrat id-disgrazzja; u dan appuntu biex tiġi evitata l-kwistjoni jekk il-periti, meta fir-relazzjoni tagħhom oriġinali u fix-xhieda li taw quddiem il-Qorti qalu li l-ħajt ma kellux ħxuna suffiċjenti, kienux

qegħdin jikkalkulaw din il-ħxuna fuq l-għoli li bl-opri ġodda l-ilma seta' jilħaq, jew fuq l-għoli li fil-fatt l-ilma kien laħaq meta, fuq ordni tal-imputat, ġew imwaqqfin il-pompi u ftit wara l-ħajt waqa';

"Il-periti fir-relazzjoni tagħhom issemu diversi fatturi li setgħu kkontribwew għall-waqgħa tal-ħajt; jgħidu li ma sarux l-assaġġi meħtieġa; li l-ħajt kellu s-sostenn tal-arkati li ġew imneħħija; li l-ilma bl-opri ġodda seta' jitla' sa livell aktar minn qabel; li ma kienx hemm sorveljanza biżżejjed waqt il-mili; u fl-aħħarnett li l-ħajt ma kienx wiesgħa biżżejjed. Minn dawn, l-uniku fattur li mix-xhieda rriżulta mportanti għad-definizzjoni tar-responsabbiltà f'din il-kawża huwa dak tal-insuffiċjenza tal-wisa' tal-ħajt flimkien ma' punti miegħu konnessi, bħal ma huma t-tneħħija tal-arkati in kwantu dan seta' indebbolixxa l-ħajt u naqqaslu r-reżistenza għall-pressjoni tal-kolonna tal-ilma li kienet tagħfas fuqu. Dwar fatturi oħra, dawn, jew ma rriżultawx soddisfaċentement, jew dwarhom hemm komflitt ta' provi, bħall-każ ta' nuqqas ta' assaġġi meħtieġa u nuqqas ta' prudenza waqt il-mili, li għalhekk jikkrea dubju li għandu jmur favur l-imputat, jew mhuwiex rilevanti għall-kawża mmedjata tal-kollass tal-ħajt, imma, "caso mai", setgħu jirriflettu fuq il-proġett in ġenerali, bħal ma huwa l-fattur li l-ilma bil-proġett il-ġdid seta' jilħaq livell għola minn qabel, u għalhekk jeżerċita pressjoni akbar fuq il-ħajt in kwistjoni. Mill-provi jirriżulta, però, li meta waqa' l-ħajt, l-ilma kien għadu ma laħaqx dan il-livell għola minn qabel, u għalhekk dan ma għandux jittieħed bħala waħda mill-kawżi tad-disgrazzja; jista' jservi biss ta' element biex juri li l-kalkoli dwar ir-reżistenza tal-ħajt, jew ma sarux, jew ma sarux sewwa;

"Tant il-Prosekuzzjoni, kemm id-Difiża, fin-noti tagħhom ta' osservazzjonijiet iċċitaw diversi awtoritajiet li jgħidu sa fejn irid ikun wasal in-nuqqas ta' ħsieb u traskuraġni biex ikun soġġett għall-piena skond il-liġi. Naturalment il-liġi dan il-grad ma tistabbiliehx; hija tgħid biss "Kull min...... jikkaġuna...... jeħel......", u huma appuntu l-għorrief kommentaturi tal-liġi li għandhom juru t-trieq it-tajba lill-ġudikant biex tiġi nterpretata l-intenzjoni tal-

*leġislatur; dan jagħmluh billi jikkommentaw* dak li ġie stabbilit f'diversi ġudikati li applikaw il-liġi;

"Biex ma jkunx hemm kolpa punibbli jrid wieħed ikun uża l-attenzjoni u d-diliġenza ordinarjament rikjesti; u din il-kolpa ma tridx tkun "lievissima", għaliex din, għall-effetti ġuridiċi, l-aktar fil-kamp penali, għandha tiġi "equiparata al caso". Issa fil-każ taħt eżami, naturalment, l-attenzjoni u d-diliġenza rikjesta trid tkun dik li tiġi wżata ordinarjament minn perit (fil-każ tagħna Senior Engineer fi "*branch*" *importanti tad-Dipartiment* tal-Ilma), u fil-preparazzjoni, eżekuzzjoni u kontroll ta' proġetti kbar, kostużi u mportanti (bħal ma kien ix-xogħol li sar mill-imputat fir-reservoir tal-ilma in kwistjoni). Il-Qorti, mill-eżami akkurat tal-provi u tar-relazzjonijiet peritali, ma tistgħax tasal għall-konklużjoni li l-imputat għamel din l-attenzjoni u uża dik id-diliġenza rikjesta; mhux għax ma sarux assaġġi fil-ħajt (infatti rriżulta li kull meta dan il-bżonn inħass dawn l-assaġġi saru); mhux għax ma kienx hemm sorveljanza biżżejjed waqt ix-xogħol biex jiġi aċċertat *li dan kien qed isir sewwa (din is-sorveljanza* fil-kors tax-xogħolijiet kienet kontinwa); u mhux għaliex kien hemm nuqqas ta' prudenza waqt l-attwali mili tal-ġibjuni (l-imputat kien jagħmel "inspections", u kien preżenti sa ftit ħin qabel id-diżgrazzja, u kien huwa stess li ordna li l-pompi jitwaqqfu u li l-mili ma jitkompliex; barra minn dan, kien hemm dejjem ir-"resident engineer"); imma għaliex il-ħajt li waqa' ma kienx ta' ħxuna suffiċjenti għall-forza tal-ilma li kien intiż jissaporti, u l-imputat avda fuq il-fatt li kien ħajt antikissimu u li kien ilu jservi għal bosta snin *mingħajr ma waqa', u għalhekk ma* kkalkulax, jew ikkalkula ħażin, il-forza tal-ħxuna tiegħu;

"Infatti, kien hemm ħafna fatturi li jmisshom fetħu għajnejn l-imputat u ma jħalluhx joqgħod fuq dak li kien ġara fl-imgħoddi. Fil-gwerra li għaddiet kienu waqgħu xi bombi viċin ir-reservoir in kwistjoni li preżumibbilment setgħu għamlu ħsara moħbija fil-blat u rrendew il-ħitan tar-reservoir anqas reżistenti; tneħħew l-arkati, li, għalkemm, kif tgħid id-difiża, kienu saru biex iservu ta' *"roofing system", kienu wkoll qegħdin iżidu, għalkemm* bi kwota ta' estimazzjoni diffiċli, ir-reżistenza tal-ħajt; waqt

ix-xogħolijiet, fuq il-ħajt sar tħaffir għall-bażi tal-pilastri, li f'ċerti postijiet niżlu sa isfel nett, u li biħom il-ħajt seta' ġie ndebbolit; u diversi ċirkustanzi oħra, fosthom il-fatt li t-tensjoni tal-ħajt monolitiku u r-reżistenza tiegħu ma humiex trattati minn awturi, u għalhekk, billi din it-tensjoni hija "unknown factor", ma għandux jiġi bażat wisq fuqha. Dawn iċ-ċirkustanzi, li d-difiża jidhrilha li jeżoneraw lill-imputat, il-Qorti tieħu bħala fatturi li kienu jirrikjedu attenzjoni u diliġenza akbar minn naħa tiegħu. Jibqa' l-fatt li skond il-kalkoli tal-periti, li ma ġewx kontestati u li huma fuq bażi matematika, il-ħajt kien ta' ħxuna insuffiċjenti;

"Fl-aħħar tat-trattazzjoni tal-kawża, u meta din kienet diġa' mħollija għas-sentenza, id-difiża għamlet riferenza għar-riżultanzi tal-inkjesta dwar id-diżastru ta' Frejus fi Franza, li almenu, skond ma jidher mir-rapport fid-"The Times" tat-28 ta' Marzu 1960, kien dovut għal xi difett fil-blat tal-ġnub, u mhux fil-kostruzzjoni tad-"dam". Id-differenza bejn il-każ tagħna u dak ta' Frejus huwa li mentri f'ta' Frejus l-inkjesta stabbiliet li "the calculations on which the design was based were sound", fil-każ taħt eżami l-periti ġudizzjarji jgħidu li l-ħajt li kkollassa kien bil-wisq ta' wisa' inferjuri minn dik rikjesta mill-arti u mill-kalkoli biex tiġi assigurata s-solidità tiegħu;

"Waqt it-trattazzjoni, u fin-noti ta' osservazzjonijiet, ġiet ukoll trattata l-kwistjoni dwar ir-responsabbiltà tal-imputat għall-mewt tat-tliet persuni li tilfu ħajjithom fid-disgrazzja. Dwar dan, ta' min jirrileva li meta xehed l-imputat quddiem il-Maġistrat inkwirenti huwa qal biss, fuq dan il-pont:— "Jiena allura għidt lill-foreman Toni Pace biex imur jispezzjona'din it-tnixxija, u jiena ħriġt u tlaqt". Il-Qorti tikkunsidra li hu seta' kien taħt effett ta' shock meta ta x-xhieda tiegħu u ħalla barra xi kliem ieħor li qal lill-foreman. Infatti, Toni Mizzi fl-4 ta' Ġunju 1959 stess, jgħid li sema' lill-imputat jgħid lill-foreman biex iwaqqfu l-ilma, "biex inkunu nistgħu nikkunsmaw l-ilma u nirranġaw bil-mod". Fis-6 ta' Ġunju, l-istess Toni Mizzi qal:— "Safejn naf jiena il-perit ma qalx lill-foreman biex jinżel

fil-ġibjun ħalli jimmarkaw it-tnixxija". Minn dawn ix-xhiediet (u fil-fatt ma setgħux kien hemm xhieda oħra, għaliex l-unika persuna oħra li kienet preżenti kien il-foreman Pace li huwa mejjet), id-difiża targumenta li l-imputat mhux responsabbli għall-mewt ta' Pace u sħabu, għaliex dan niżel fil-ġibjun u niżżel lill-oħrajn miegħu minn rajħ; mhux biss mingħajr l-ordni, anzi kontra l-ordni tal-imputat. L-uniku ordni tal-imputat kien li l-pumpjar tal-ilma jieqaf, u fil-fatt il-pumpjar tal-ilma ġie mwaqqaf. Minn ebda parti tax-xhieda ma jidher li l-imputat qal lil Pace biex ma jinżelx fil-ġibjun qabel ma dan jiġi żvujtat mill-ilma. Pace kellu jistenna li jiġi żvujtat l-ilma biex jagħmel it-tiswija, li fi kwalunkwe każ qatt ma setgħet issir meta l-ilma jkun għadu ħiereġ. Mizzi ma semgħax l-imputat jgħid lil Pace biex jinżel jimmarka t-tnixxija fejn kienet, imma lanqas ma semgħu jgħidlu biex ma jinżelx; u billi normalment meta jkun hemm xi tnixxija, il-post tagħha jiġi mmarkat biex wara tissewwa, kien preżumibbli li Pace, fin-nuqqas ta' divjet dirett, jaħseb li għandu jsegwi l-proċedura normali, u jinżel biex isiru l-marki meħtieġa. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-mewt ta' Pace u sħabu ma tistgħax tiġi skonnessa mid-disgrazzja tal-kollass tal-ħajt li pprovokaha, u l-istess persuna li hi responsabbli għal dan il-kollass għandha titqies responsabbli wkoll tal-konsegwenzi kawżati minnu......";

Ikkunsidrat;

Din il-Qorti b'digriet tad-29 ta' Lulju 1960, innominat tħala esperti addizzjonali lill-arkitetti u inġinieri ċivili Oscar Rizzo, Joseph Barbara, u George J. Galea, u lill-Avukat Dottor Edgar Mizzi biex jassistihom, biex jeżaminaw il-proċess, kompriżi l-osservazzjonijiet orali (traskritti) tal-avukati, u, mingħajr ma jistmaw id-danni, jissottomettu lill-Qorti l-osservazzjonijiet tekniċi tagħhom fuq il-fatt, kompriżi l-punti dwar il-forza tal-blat tal-ħitan u dwar kalkoli, assaġġi u miżuri oħra meħtieġa għall-prevenzjoni tal-kroll;

B'rapport tal-10 ta' Diċembru 1960, il-periti rrelataw hekk:—

"Illi l-esponenti, in eżekuzzjoni ta' dan l-inkariku, żammew l-aċċessi u s-seduti li verbal tagħhom qed jiġi preżentat ma' din ir-relazzjoni, għamlu diversi viżiti fuq il-lok tal-inċident, għamlu użu mill-fakoltajiet lilhom mogħtija bid-digriet tas-16 ta' Ottubru 1960, u eżaminaw minutament il-kontenut tal-proċess, kompriżi l-osservazzjonijiet tal-avukati, il-provi kollha prodotti, sija fl-ewwel istanza kemm f'din l-istanza, ir-rapporti tal-periti ġudizzjarji preċedenti, u s-sentenza tal-Ewwel Qorti; u wara li għamlu dan kollu, kif ukoll l-indaġini pjuttost konsiderevoli li dehrilhom neċessarji, għandhom l-unur jissottomettu dan li ġej:—

"Minn indaġini preliminari tfaċċaw ċerti diffikultajiet li minħabba fihom l-esponenti ħassew il-bżonn:—

"(a) Li jiġu kjarifikati u/jew konfermati ċerti partijiet tad depożizzjonijiet tax-xhieda li nstemgħu fl-ewwel istanza;

"(b) Li jinżammu aċċessi u viżiti fuq il-post fejn ġrat id-disgrazzja, sabiex jiġu konstatati d-dettalji kollha dwar il-kroll, u sabiex jittieħdu ċerti qisien li ma kienux jirriżultaw mill-proċess, u li l-esponenti jirritjenu ndispensabbli għad-determinazzjoni ta' ċerti fatturi li setgħu jitfgħu dawl fuq il-każ;

"(c) Li l-esponenti jeżaminaw ir-records u l-pjanti tad-Dipartiment tal-Ilma, sabiex jiġi stabbilit bi preċiżjoni kif kienu jiffunzjonaw il-ġwiebi in kwistjoni. Liema livell ta' ilma kien ritenut li jsostni l-ħajt li kkrolla, u sabiex jiġi determinat il-profil tal-ħajt in kwistjoni, biex minn hekk jirriżulta l-għoli tal-ilma li kien hemm fil-ġiebja numru 2 fil-mument tal-kroll;

"(d) Li jiġu determinati l-piż tal-ġebla tal-inħawi ta' "Ta' Qali" u l-piż tal-ħamrija u tat-terrapien li kien hemm fuq l-arkati tal-ġwiebi qabel ma saru l-alterazzjonijiet fil-ġibjun. Dawn id-determinazzjonijiet saru bil-kooperazzjoni tad-Dipartiment tal-Ilma, per mezz tal-għodda miżmuma fil-workshop tagħhom f'Portes des Bombes;

"(e) *Li* jsiru esperimenti sabiex tiġi stabbilita d-differenza bejn l-istabbilità ta' ħajt li huwa mwaħħal fil-bażi tiegħu ("fixed") u l-istabbilità ta' ħajt li mhumiex solidali fil-bażi tiegħu; u li huwa magħruf bħala "free standing";

"(f) Li jsiru kalkoli u disinni li juru l-ħajt taħt is-sollecitazzjonijiet li kienu jaġixxu fuqu fid-diversi stadji li għadda minnhom;

"Ir-riżultat tal-indaġini hekk magħmula kien dan:—

"(a) Permezz tax-xhieda li reġgħu nstemgħu, il-punti dubbjużi ġew kjarifikati;

"(b) Mid-dettalji miġbura fuq il-post fejn ġrat id-disgrazzja, u mill-pjanta markata Dokument "B" ġie preparat id-disinn anness ma' din ir-relazzjoni (Sheet No. 1). Dan id-disinn juri l-profil tal-ħajt li nqaleb, u juri li għall-maġġur parti tiegħu nqaleb preċiż mal-qiegħ. Iżda hemm żewġ partijiet tal-ħajt, waħda għal tratt żgħir u l-oħra għal tratt *iżjed rilevanti ta' xi 33 pied*, fejn il-ħajt ma nqalibx mal-pjan tal-bażi, iżda tqaċċat minn tlieta sa erbgħa piedi iżjed il-fuq u mbagħad inqaleb;

"L-esponenti kkonstataw ukoll il-preżenza ta' sezzjoni ta' blat tal-qawwi mqabbda mal-qiegħ tal-ħajt li kkrolla u l-preżenza ta' konċentrazzjoni kbira (ara dokument "C") ta' molluski, l-aktar pronunzjati lejn iż-żewġ truf tal-parti tal-ħajt li ċediet. Ikkonstataw inoltre li jeżistu ċerti zoni fil-bażi tal-istess ħajt fejn dawn il-molluski huma kważi assenti, u *li hemm żoni oħra, prinċipalment* lejn it-truf tal-parti maqluba, fejn huma tant ikkonċentrati li jkopru aktar minn nofs tas-superfiċi tal-qiegħ tal-ħajt. fejn dawn il-molluski jinsabu konċentrati fi stat fil-livell tal-bażi. Fejn l-esponenti setgħu jaraw superfiċi oħra, oltre dik minn fejn inqaleb, fil-massa tal-ħajt li kkrolla, li f'diversi bnadi huwa miksur, ġie konstatat li l-blat huwa safi minn dawn il-molluski;

"L-esponenti jirrilevaw, inoltre, li safejn setgħu jikkonstataw *huma, il-ħajt inqaleb* mingħajr spostament laterali għal kważi t-tul kollu tiegħu, b'mod li s-superfiċi tal-

qiegħ, li l-lum tinsab f'pożizzjoni vertikali, qegħdha tokkupa l-istess pożizzjoni li kien fiha, qabel il-qlib, il-wiċċ vertikali tal-ħajt in kwistjoni. Però, it-tratt bejn il-pilastri numri 127 sa 130 jurì li l-ħajt ġie spostat lateralment, u ċjoè minn xejn taħt il-pilastru numru 130 sal-massimu ta' 2' 9" taħt il-pilastru numru 127, fejn hemm, appuntu, konċentrazzjoni l-aktar kbira ta' molluski. Dan l-ispostament jieqaf ma' brama li kienet tagħmel angolu ta' xi 70 grad mal-orizzontali;

"Jeżistu ndizji li dan l-ispostament ġie prodott immedjatament qabel il-kroll tal-ħajt; u dawn l-indizji huma:—

"(i) Il-pożizzjoni tal-ħajt il-maqlub, fir-ras tiegħu, taħt il-pilastru 130, turì li t-trajettorja li din ir-ras tal-ħajt għamlet waqt il-qlib tagħmel angolu nklinat mad-direzzjoni tal-ħajt;

"(ii) Id-daqqa li hemm mal-ħajt ta' bejn il-ġwiebi III u IV, prodotta mill-bażi tal-pilastru numru 128, u l-pożizzjoni tal-istess bażi, li għadha sħieħa f'pożizzjoni wieqfa u qegħdha tistrieħ mal-istess ħajt, mhijiex fil-linja li ġġonġi din il-fila ta' pilastri, imma hija spustata lejn it-tramuntana;

"(iii) Il-pożizzjoni li t-travi li kienu sostnuti mill-pilastri 127 sa 130 striehu fiha wara l-kroll tindika wkoll li t-travi, fil-mument tal-kroll, kienu spostati fir-ras tagħhom li kienet qegħdha tistrieħ fuq il-pilastri li kien hemm fuq il-ħajt li kkollassa, lejn it-tramuntana;

"Dawn l-ispostamenti lejn it-tramuntana ma ġewx riskontrati fil-pożizzjonijiet li ħadu t-travi u l-bażijiet tal-pilastri l-oħra matul il-ħajt;

"(c) Mir-records tad-Dipartiment tal-Ilma rriżulta li fl-ewwel ta' Awissu 1923 il-ħajt in kwistjoni kien fiċ-ċirkustanza li kellu spinta minn kolonna ta' ilma 22 pied għolja, mentri l-ġiebja adjaċenti kienet vojta; u wieħed għandu jistenna li din iċ-ċirkustanza ma kienetx okkażjonali, imma li l-ħajt għaddo minnha diversi drabi, għaliex is-separazzjonijiet bejn il-ġwiebi kellhom propriju l-iskop li tinżamm

waħda jew iżjed mill-ġwiebi xotti għat-tindif, mentri l-ġwiebi l-oħra jibqgħu jiffunzjonaw, u għalhekk huwa mistenni li jkunu mimlija sewwa;

"Minn eżami tal-pjanti tal-ġibjun kif kien oriġinarjament, mill-pjanti tal-proġett ta' ampjament, u mill-pjanta tal-profil tal-ħajt in kwistjoni, jirriżulta, inoltre, illi, mentri fl-istat oriġinali l-ħajt kien intiż li jsostni, u fil-fatt sostna, għoli ta' ilma kważi sal-livell tal-fuqani taċ-ċjavi tal-ħnejjiet, li f'xi bnadi kien jeċċedi l-livell tal-fuqani tal-istess ħajt, wara l-alterazzjonijiet l-ilma ma seta' qatt jilħaq dan il-livell, għax kien ifur minn fuq l-istess ħajt għall-ġiebja adjaċenti;

"L-esponenti għandhom hawn jirrilevaw li, skond itteorija, fiċ-ċirkustanzi deskritti, dan il-qlib kellu jirriżulta malli l-għoli tal-ilma jilħaq darbtejn u tliet kwarti l-għoli tal-ħajt (2¾:1). Dan ma ġarax fl-esperiment; għaliex ma tistgħax fil-prattika, fuq mudell, tottjeni preċiżament stat ta' ħajt perfettament "free standing". Ma tistgħax, infatti, telimina l-attrit bejn il-materjal li jkun qiegħed jagħlaq mill-ġnub l-ispazju fejn jinżamm l-ilma għall-esperiment, u anqas ma tista' telimina r-reżistenza addizzjonali li tiġi mogħtija lill-ħajt bl-użu ta' materjal, bħal pastellina, adoperat sabiex l-ilma ma jnixxix mill-ġunturi bejn il-materjal;

"(d) Il-piż tal-ġebla tal-inħawi ta' Ta' Qali ġie stabbilit f'114.3 libbri kull pied kubu, u dak tal-ħamrija u tat-terrapin li kienu jgħattu l-ġibjuni qabel l-alterazzjonijiet ġie stabbilit f'91 libbra kull pied kubu, bħala medja tal-piż tażżewġ materjali kemm fi stat xott kemm fi stat imxarrab. Dawn il-piżijiet unitarji ġew adottati għall-finijiet tal-kalkoli u disinni preparati mill-esponenti;

"(e) Minn esperimenti li għamlu l-esponenti fuq mudell tal-ġebel irriżulta li, mentri l-ħajt ta' wisa' uniformi u solidali fil-bażi tiegħu mqabbda mal-qiegħ sostna kolonna ta' ilma 14 il-darba l-wisa' tiegħu mingħajr ma tqaċċat, ħajt li japprossima l-kondizzjonijiet magħrufa bħala "free standing" inqaleb meta r-rapport tal-għoli tal-ilma għall-wisa' tal-ħajt kien 3¼:1, meta l-ħajt kien għoli 4 darbiet daqs il-wisa' tiegħu;

"Dan l-esperiment ma jagħmelx ħlief jagħti forma numerika għar-reżistenza superjuri li, fl-esperjenza ta' kulħadd, joffri kontra l-qlib kwalunkwe oġġett li huwa mwaħħal mill-qiegħ paragunat mal-istess oġġett meta ma huwiex hekk imwaħħal. Effettivament ġie stabbilit illi ħajt li jkun imqabbad ("fixed") ma' l-istrat ta' taħtu sostna kolonna ta' ilma 14 il-darba daqs il-wisa' uniformi tiegħu mingħajr ħsara, mentri ħajt li huwa "free standing" jinqaleb skond it-teorija, malli dan ir-rapport ikun 2½:1, meta l-piż speċifiku tal-materjal li minnu huwa kompost il-ħajt ikun darbtejn daqs dak tal-ilma; liema ċirkustanza hija approssimata fil-każ tal-blat tal-franka ta' dawn il-Gżejjer;

"Peress li l-ispinta ("overturning moment") prodotta minn likwidi, li tipprova taqleb kwalunkwe lqugħ, dvarja mal-kubu tal-għoli, jirriżulta li l-ħajt "fixed" fil-bażi, li jsostni kolonna ta' ilma għolja 14 il-darba l-ħxuna tiegħu, ikun qed jirreżisti "overturning moment" ta' madwar 130 darba daqs dak li jaqleb ħajt tal-istess materjal u tal-istess ħxuna li huwa "free standing" u li hu għoli darbtejn u nofs (2½) il-ħxuna tiegħu;

"(f) Id-disinn fix-Sheet No. 2 juri l-effetti li kellhom l-arkati u l-materjal ta' fuqhom fuq il-ħajt in kwistjoni;

"Ix-Sheet No. 3 turi kif tfalli ħnejja taħt sollecitazzjonijiet differenti;

"Ix-Sheet No. 4 turi l-ħajt fl-istat oriġinali bil-ħnejjiet fuq żewġt iġnub bl-ilma, fuq ġenb wieħed sal-livell ta' 22'4" waqt li fuq il-ġenb l-ieħor ma kien hemm ilma xejn. F'dan id-disinn jidher li l-ħajt, kieku kien "free standing", peress li r-riżultant tal-forzi kollha aġenti fuq il-ħajt, anki meħuda in konsiderazzjoni l-azzjoni tal-ħnejjiet, joħroġ barra mill-bażi, kien jikkrolla; għaliex tant il-qiegħ tal-ħajt kemm is-sarmotti tal-ħnejja ikunu sollecitati b'ġibda li tipproduċi ftuħ tal-fili tal-ħnejja (ara Sheet No. 2), u sussegwentement il-kroll;

"Fix-Sheet No. 5 jidher l-istadju li għadda minnu l-ħajt waqt l-eżekuzzjoni tax-xogħol u preċiżament fid-data tat-28 ta' Awissu 1957, meta l-ġiebja numru 3 kienet xotta

mill-ilma mentri fil-ġiebja numru 2 kienu għadhom jeżistu l-ħnejjiet u kien hemm ilma tal-għoli ta' 19 il-pied. Għall-finijiet ta' dan il-kalko u ma ġiex kunsidrat (għax mhux determinabbli) is-sovrakkarigu minn trucks, "excavator", u ħażna ta' żrar u siment li jirriżultaw mix-xhieda ta' Antonio Mizzi (ara verbal tas-seduta tal-21 ta' Ottubru 1960); iżda dan is-sovrakkarigu ma setgħax ma jirrendix aktar gravi s-sitwazzjoni li l-ħajt kien jinsab fiha, ċjoè s-sitwazzjoni kif tidher fid-disinn; liema disinn juri li, anki mingħajr dak is-sovrakkarigu, is-sitwazzjoni kienet tali li l-ħajt ma kienx jirreżisti għaliha kieku ma kienx "fixed";

"Ix-Sheet numru 6 turi l-livell tal-ilma fil-mument tal-kroll fil-parti medjana tal-ħajt fejn il-ħajt huwa għoli 21' 9", l-iżjed punt baxx matul il-ħajt kollu, kif jirriżulta mid-disinn fuq ix-Sheet numru 1; mentri l-ilma, skond ma xehed Antonio Mizzi, kien 9" taħt dan il-livell. Anki taħt dawn iċ-ċirkustanzi ir-riżultant tal-forzi kollha li kienu qed jaġixxu fuq il-ħajt kien f'ċirkustanzi anqas gravi meta waqa' minn dawk li għadda minnhom matul il-kors tax-xogħolijiet;

"Premessi dawn il-fatti, l-esponenti jgħaddu biex jissottomettu kif, fl-umili opinjoni tagħhom, beda u pproċeda l-kroll, u x'kienet il-kawża tiegħu;

"Kif ġa rrilevaw aktar il-fuq, l-iżjed parti debboli tal-ħajt kienet tinsab mil-livell tal-bażi lejn iż-żewġt irjus tal-parti tal-ħajt li nqaleb, għaliex hemm jinstabu, f'dan il-pjan konċentrazzjonijiet kbar ta' molluski fi strat orizzontali. Barra minn hekk. l-esponenti kkonstataw ukoll li f'dan il-pjan il-kxur tal-madreperla ta' xi molluski qegħdin maqbuda mal-qiegħ tal-ħajt li waqa'. u l-kontroforma tagħhom fil-blat tinsab fil-qiegħ minn fejn inqala' l-ħajt; u viċeversa. hemm postijiet fejn dawn il-qxur ta' molluski jinsabu fil-qiegħ minn fejn inqala' l-ħajt, u fil-parti korrispondenti tal-qiegħ fejn tqaċċat il-ħajt tinstab il-kontroforma tal-wiċċ estern ta' dawn il-molluski fil-blat ta' natura sedimentarja li kien hemm fuqhom (ara dokument "D");

"Peress li l-adeżjoni bejn superfiċi hekk lixxa bħal dik tal-madreperla u l-kumplament tal-blat hija manifestament anqas minn dik li teżisti fejn ma jkunx hemm superfiċi hekk

lixxa, huwa preżumibbli li t-tqaċċit, li jikkoinċidi mal-istrat fejn kienu l-molluski, beda f'dawk iz-zoni tal-ħajt fejn kien hemm l-aktar konċentrazzjoni ta' molluski, u preċiżament f'dik il-parti tal-ħajt taħt il-pilastri numru 127 sa 130, li hija viżibbilment l-iżjed superfiċi tal-bażi tal-ħajt ridotta bil-preżenza ta' dawn il-molluski;

"L-esponenti kellhom l-okkażjoni li b'idejhom jaqilgħu minn mal-qiegħ tal-ħajt li waqa' biċċa ċatta tal-blat, li qegħdha tiġi eżibita bħala dokument "B". Din il-biċċa blat, fil-għajn, ma kienet turi ebda skrepolatura, u nqalgħet mal-pjan fejn jinstabu tliet molluski. L-importanza ta' dan il-fatt hija din: peress li l-forza tas-swaba ma twassalx li tqaċċat din l-iskeġġa ta' blat, il-pjan minn fejn inqalgħet din l-iskeġġa kien ġa maqtugħ qabel ma ntużat il-forza tas-swaba, però l-qtugħ kien magħluq biżżejjed biex ma jidherx. Konsegwentement wieħed għandu ippreżumi li dik is-separazzjoni ta' strati f'dan u f'punti oħra adjaċenti tal-bażi kienet ġa teżisti, u kienet ġa prodotta qabel il-kroll;

"Man mano li fil-qiegħ tal-ħajt fejn dan kien l-iżjed debboli beda jinħass dan it-tqaċċit, is-superfiċi tal-ħajt, li bl-adeżjoni tagħha mal-qalba tal-blat ta' taħt kienet qegħdha tirreżisti l-forzi li kienu jippruvaw jaqilbu u/jew jimbuttaw il-ħajt kienet qegħdha tiġi gradatament ridotta, b'mod li s-sollecitazzjonijiet fuq il-parti utili rimamenti tal-bażi f'dak il-pjan bdew isiru iżjed u iżjed rilevanti, sakemm ġiet magħluba anki l-forza tal-adeżjoni tal-parti utili, u l-ħajt inqata' minn mal-qiegħ. Fdin is-sitwazzjoni, li tikkorrispondi għal dik ta' ħajt "free standing", l-ispinta tal-ilma, megħjuna mill-pressjoni li kien qed jeżerċita vertikalment il-fuq l-ilma li ppenetra bejn is-superfiċi tal-blat hekk imqaċċat, setgħet tispostaħ u taqilbu;

"F'din il-parti tal-ħajt bejn il-pilastri numru 117 u 127, però, il-qlib. almenu in parti. ma sarx preċiż mal-pjan tal-qiegħ; il-ħajt tal-blat tqaċċat fi pjan inklinat bejn il-ġiebja numru 3 li fiha waqa' l-ħajt, bejn wieħed u ieħor xi tlieta jew erbgħa piedi iżjed il-fuq mill-pjan tal-qiegħ. Dan juri li f'din il-parti l-ħajt kien imqabbad tant tajjeb ma' l-istrat ta' taħtu, li l-forza aġenti fuqu biex taqilbu ma

rnexxielhiex tissepara l-blat mill-pjan tal-qiegħ, iżda rebħet ir-reżistenza għat-tqaċċit ta' massa tal-blat tal-franka safja;

"Dan il-fatt juri bl-aktar mod ċar kemm hija kbira l-forza ta' adeżjoni meta ma hijiex kwalifikata b'xi debolezzi. Infatti, oltre l-forza tal-ilma li kienet qegħdha tipprova taqleb dan it-tratt ta' ħajt, dik il-parti tal-ħajt li, kif deskritt anteċedentement, inqatgħet minn mal-qiegħ u resqet lateralment sakemm ippermettielha l-ftuħ tal-brama taħt il-pilastru 127 bdiet evidentement, kif kienet hekk maqlugħa, tipprova tiġbed magħha dik il-parti li kienet għadha ma nqalgħetx mill-qiegħ. Barra minn hekk, appena dik il-parti s-sħieħa tal-ħajt bdiet, taħt dawk il-forzi tiċċaqlaq mill-vertikalità, il-pilastri li kien hemm fuqha bdew ukoll joħorġu mill-vertikalità, b'riżultat li l-piż li kien qed jaġixxi fuq il-pilastri eżerċita spinta fuq l-għola parti tal-ħajt in kwistjoni, li ppronunzjat ruħha gradatament man mano li l-ħajt ħareġ mill-vertikalità. Dan il-kumulu ta' forzi, li evidentement huwa superjuri għall-ispinta tal-ilma weħedha, kien tant kbir li rnexxielu iqaċċat blat tal-franka safi; u wera, fl-istess ħin, illi, fejn il-qabda fil-pjan tal-qiegħ kienet aħjar minn dik ta' zoni oħra, ir-reżistenza li kien joffri l-ħajt kontra l-qlib kienet ferm kbira;

"Dan jaqbel perfettament ma' dak li ġie stabbilit mill-esponenti per mezz tal-esperimenti li huma għamlu, u li għalihom ġa saret riferenza aktar il-fuq; u ċjoè, fejn il-qabda mal-qiegħ ma hijiex difettuża, ħajt li jkun hekk imqabbad jista' jkun ta' għoli li jiflaħ jirreżisti għall-"overturning moment" daqs 130 darba aktar minn dak li jegħleb ħajt tal-istess ħxuna li jkun "free standing", u li jkun għoli, meta l-ħajt ikun magħmul minn blat ta' Malta, darbtejn u nofs (2½) il-ħxuna tiegħu. Ekwivalenti hija l-asserzjoni li, fejn il-qabda mal-qiegħ ma hijiex difettuża ħajt tal-blat tal-franka jista' jkun dejjaq sa kwint (1/5) tal-wisa ta' ħajt "free standing" tal-istess materjal u għoli. Konsegwentement, jista' jingħad li l-ħajt in kwistjoni seta' jintuża, meta wieħed ikun żgur minn qabda perfetta fil-bażi tiegħu, bħala l-ekwivalenti ta' ħajt "free standing" wiesgħa ċirka ħamsa u tletin (35) pied;

"Hemm ċirkustanza oħra li tista' tikkonferma s-sottomissjonijiet tal-esponenti dwar il-kroll. Kif ġa rilevat, l-aktar ċirkustanza gravi li minnha għadda l-ħajt in kwistjoni kienet meta dan il-ħajt, waqt ix-xogħolijiet ta' amplijament, kien jinsab fl-istadju muri fid-disinn Sheet No. 5, ċjoè meta kellu l-ħnejjiet u s-saqaf bis-sovrakkarigu in pożizzjoni fuq il-ġiebja numru 2 u kien hemm 19'0" għoli ta' ilma fuq l-istess naħa, mentri l-ġiebja numru 3 kienet xotta. F'din iċ-ċirkustanza l-ħajt kien f'sitwazzjoni aktar gravi milli kien jinsab fiha meta waqa'. Infatti, f'dik iċ-ċirkustanza, l-"overturning moment" kien superjuri għar-"resistance moment" ta' ħajt "free standing" tal-istess dimensjonijiet b'16,279.69 "foot-pounds" għal kull pied tul ta' ħajt; u dan non ostante li jiġi njorat l-effett fuq l-"overturning moment" prodott mis-sovrakkarigu għaliex mhux determinabbli. Meta nqaleb il-ħajt, inveċe, dan l-eċċess tal-"overturning moment" fuq ir-"resistance moment" kien biss ta' 15,722.71 "foot-pounds". Għalhekk, bilfors kien hemm xi raġuni li minħabba fiha l-ħajt waqa' f'ċirkustanzi anqas gravi minn dawk li kien ġa għadda minnhom mingħajr riżultat avvers;

"Waħda mill-ispjegazzjonijiet possibbli hija li meta, waqt ix-xogħolijiet il-ħajt kien ġie sottopost għall-għar ċirkustanza ta' sollecitazzjonijiet, ġie inizjat il-proċess tat-tqaċċit mal-istrat tal-qiegħ preċiżament fejn il-ħajt kien l-iżjed debboli minħabba l-preżenza ta' molluski; però, qabel ma dan it-tqaċċit ippronunzja ruħu biżżejjed li jipproduċi l-kollass, il-livell tal-ilma, kif jirriżulta mir-records tad-Dipartiment, tbaxxa, u b'hekk naqsu s-sollecitazzjonijiet: u għal dawn is-sollecitazzjonijiet, hekk ridotti, il-ħajt seta' jirreżisti. B'dana, però, illi t-tqaċċit li kien laħaq ġie prodott kien qiegħed jirriduċi s-sezzjoni effettiva in rispett ma' dik ta' qabel, mingħajr ma dan it-tqaċċit ipproduċa xi sinjal viżibbli fil-battumi. Għaldaqstant, fil-ġurnata li l-ħajt ikkrolla l-ilma kien qed jimbotta ħajt ta' reżistenza nferjuri għal dik li kien wera fiċ-ċirkustanza ndikata fix-Sheet No. 5: tant li l-ħajt ikkrolla qabel ma ntlaħqu s-sollecitazzjonijiet li l-ħajt kien ta prova li jista' jirreżisti fiċ-ċirkustanza ta' qabel. Dan jikkonferma t-teżi tal-esponenti li l-fattur determinanti res-

ponsabbli għall-kroll, taħt iċ-ċirkustanzi li kien jinsab fihom, kien kostitwit mill-konċentrazzjoni ta' molluski f'zoni partikulari matul il-ħajt;

"Spjegazzjoni oħra possibbli hija illi, fil-perijodu li l-ħajt kien taħt l-aktar sollecitazzjonijiet, ċjoè meta kellu l-ħnejjiet fuq naħa waħda biss, setgħu nterveneW xi skossi jew movimenti telluriċi li, kieku ġraw jew kellhom jiġru meta l-ħajt kien bil-ħnejjiet fuq iż-żewġ lati, ma kienux jipproduċu tqaċċit hekk faċilment;

"L-esponenti jixtiequ jirrilevaw illi huma waslu għal dawn il-konklużjonijiet tagħhom għaliex il-lum, u bħala konsegwenza tal-kroll, huma f'pożizzjoni li jikkonstataw fatti li ma kienux jidhru, u li kwindi lanqas huma ma kienu jistgħu jikkonstataw, qabel ma ġara l-kroll. Għal din ir-raġuni, kif ukoll għaliex parti mill-inkarigu tagħhom jirrigwarda l-kalkoli, assaġġi u miżuri oħra meħtieġa għall-prevenzjoni tal-kroll, iħossuhom fid-dover li jagħmlu dawn l-osservazzjonijiet ulterjuri;

"Fit-trattat "La Responsabilitè Penale de l-Ingenieur" ta' Yvon Hannequart tal-Fakoltà tad-Dritt tal-Università ta' Liege hemm dan il-passaġġ, li qed jiġi tradott liberament mill-franċiż— 'Meta jiġri xi inċident fuq xogħolijiet ma huwiex dejjem diffiċli li tiġi skoperta l-ispjegazzjoni xjentifika ta' dak li jkun ġara, u saħansitra li tiġi preċiżata modalità ta' azzjoni li setgħet tevita dannu. Dan ma jfisserx, però, li jkun hemm nuqqas ta' prudenza jew negliġenza, għaliex, sabiex wieħed jirriskontra dawn, għandu jpoġġi ruħu fil-pożizzjoni ta' qabel ma jkun ġara l-inċident u jirrikostruwixxi l-azzjoni li tkun ittieħdet fil-kumpless tal-inċertezzi, probabbilitajiet u relattività ta' metodi, skala ta' riski, u valur ta' obbjettivi tal-każ'. Din il-valutazzjoni, fil-każ preżenti, tirriżulta iżjed diffiċili minn każi oħra minħabba n-natura straordinarja tal-opra, u ċjoè l-adattament ta' ħitan eżistenti maqtugħa mill-blat, meta la t-testi tal-inġinerija ma jikkontemplawha u lanqas il-prattika ma taddita ħafna eżemplari oħra. Infatti, l-uniku każ a konoxxenza tal-esponenti fejn blat qiegħed jiffunzjona b'mod analogu huwa dak tas-"Sliema Aquatic Sports Club", fejn hemm massa ta' blat xi erbgħa piedi wiesgħa u għolja xi

tiiettax-il pied mill-lat tal-banju skavat warajha u xi ħamsa u għoxrin pied fuq il-lat l-ieħor lejn il-baħar miftuħ. Din il-blata — hija ħaġa magħrufa — irreżistiet għall-irruwenza ta' diversi maltempijiet kbar li ħabtu fuqha matul issnin twal li ilha hekk iżolata;

"L-esponenti eżaminaw il-kalkoli li għamlu l-esponenti, li minnhom ġew disinjati l-pilastri, travi, saqaf u ħitan perimetrali tas-soprastruttura ideata mill-perit proġettista tal-amplijament tal-ġibjun; u sabu li dawn huma konformi mad-dettati tat-teknika. Għalhekk jonqos biss li jiġi eżaminat jekk il-konċepiment tal-amplijament tal-ġibjun bil-mod li ġie attwat kienx bażat fuq konċetti żbaljati. Biex dan jista' jsir, jridu jirrisalu għall-perijodu qabel ma nbeda x-xogħol, ċjoè għall-istadju tal-konċepiment u proġettazzjoni tal-opra, u, skond it-tagħlim tal-awtur fuq ċitat, jiżnu l-fatti "fil-kumpless ta' inċertezzi, probabbilitajiet u relattività ta' metodi, skala ta' riskji, u valur ta' obbjettivi tal-każ";

"L-opra oriġinali kienet ilha teżisti mis-sena 1883. Il-ħnejjiet u l-kaptelli li kienu qegħdin isaqqfu d-diversi ġibjuni aktarx li kienu ntenzjonati li jservu ta' għeluq għall-ġwiebi, sabiex il-ħażna tal-ilma tiġi protetta minn kontaminazzjoni. Kieku kienu disinjati biex ikollhom funzjoni oħra, il-proġettista kien ċertament jiddisinjahom b'dawk li fit-teknika huma magħrufa bħala "spandrels", u ċjoè kien jibni fuq il-ġnub tal-ħnejja sakemm tintlaħaq filata mgħoddija orizzontalment li kienet tiffronta għal spinta aktar kbira li tista tagħmel fuq il-ħitan. Għalhekk, jekk fil-fatt il-ħnejjiet kel'hom funzjoni oħra, din kienet inċidentali;

"Meta ġie biex jestendi l-ġibjuni, il-proġettista naturalment ikkunsidra l-fatt li l-ilsna tal-blat li kellu jinkorpora fil-proġett kien ilhom żmien twil jilqgħu pressjoni ta' ilma ta' ftit pulzieri iżjed mill-massimu li setgħu jkollhom wara l-eżekuzzjoni tal-amplijament; barra minn hekk, huwa kien qed jikkontempla li jgħabbi dawn l-ilsna ta' blat b'sistema ta' pilastri travi u saqaf tal-konkos ta' piż ta' ċertu riljev. Konsegwentement, l-alterazzjonijiet proġettati kellhom inaqqsu l-ispinta tal-ilma, billi kellu jonqos

l-għoli massimu tal-livell tal-ilma, kellhom jgħabbu l-ħajt tal-blat b'sistema ta' pilastri, travi u saqaf, u kellu jnaqqas l-azzjoni li kellhom il-ħnejjiet. Bħala riżultat ta' dan, il-pożizzjoni li nstab fiha l-ħajt meta kkrolla kienet, kif jirriżulta minn kalkoli li għamlu l-esponenti, kemm kemm agħar minn dik li kien jinstab fiha l-ħajt kif oriġinarjament proġettat, ċjoè bil-ħnejjiet fuq iż-żewġ lati tiegħu, meta kien ikollu ilma ta' għoli massimu fuq naħa waħda u kien xott mill-lat l-ieħor. Dan in-nuqqas, però, kien pjuttost insinifikanti a paragun tar-reżistenza dovuta għall-"fixity" li wera li kellu l-ħajt;

"Huwa evidenti, inoltre, li l-proġettista kien qed jikkunsidra dak il-ħajt bħala "fixed" fil-kalkoli tiegħu, u mhux bħala "free standing". Infatti, meta wieħed jikkunsidra li l-wisgħa ta' ħajt "free standing" trid tkun ta' xi 12 il-pied biex tilqa' spinta ta' ilma għoli xi 18 il-pied, mentri l-bażi tal-ħajt li kkrolla kienet wiesgħa 6'11" u kellha tilqa' spinta ta' ilma għoli xi 21'9", jidher ċar li l-proġettista ma kienx qed jikkunsidra dak il-ħajt bħala "free standing" meta nkorporah fl-amplijament tal-ġibjun. Kif kien jagħmel normalment kwalunkwe nġinier ieħor fl-istess ċirkustanzi, huwa kien qiegħed jaċċetta l-fatt li l-ħajt kien "fixed" bħal ma wera li kien fiż-żmien kollu li kien ilu jiffunzjona. Ħaġa waħda biss ma setgħax ikun jaf il-proġettista, u din hija l-limiti tar-reżistenza ta' dik l-adeżjoni. Iżda mill-fatt li kellu quddiemu kellu raġjonevolment jassumi li dik l-adeżjoni kienet tajba, u kwindi li r-reżistenza li kienet toffri kienet konsiderevoli u uniformi mal-bażi kollha;

"Esternament kollox kien qiegħed jikkontribwixxi biex iġiegħel lil wieħed jifhem li l-ħajt kien jista' jiġi fdat biex jirreżisti l-ispinta kontemplata. Mhux biss ma kellu ebda sinjali esterni ta' debolezza, imma kien ta prova li kien att għax-xogħol li kien destinat għalieh; u dan anki f'ċirkustanzi anormali u aktar gravi minn dawk proġettati, bħal ma ġara fiċ-ċirkustanza deskritta fix-Sheet numru 5, meta l-ħajt, non ostante li kien taħt l-agħar kondizzjonijiet li seta' jgħaddi minnhom, ma wera ebda moviment perċettibbli;

"Moħbija taħt il-massa tal-istess ħajt kien hemm

traġikament, konċentrazzjoni ta' konkilji fossilizzati f'zoni partikulari matul il-ħajt, li kienet qegħdha timmina proprju dik l-adeżjoni li kellha tipprovdi parti mir-reżistenza meħtieġa. Dan il-fatt il-proġettista ma setgħax ikun jaf bih, lanqas kieku neħħa l-battumi; u ma seta' lanqas jiġi sospettat, għaliex ma kienx hemm indikazzjoni esterna tiegħu. U billi, kif intqal, kienet il-preżenza ta' dawk il-molluski f'zoni partikulari tal-ħajt li kkostitwiet il-fattur determinanti tal-kroll, jista' jingħad li l-kroll kien dovut għal kawża imprevedibbli u li ma setgħetx tiġi konstatata;

"Fil-fehma tal-esponenti, kwalunkwe inġinier ieħor, taħt l-istess ċirkustanzi, kien jispiċċa wkoll vittima ta' dak li jista' jissejjaħ trabokk tan-natura. Del resto, huwa fatt li anki ż-żewġ inġinieri li kienu jattendu alternattivament waqt l-eżekuzzjoni tal-proġett kienu, mad-daqqa ta' għajn, jindunaw bl-insuffiċjenza ta' l-ispessur tal-ħajt kieku ma kienux huma wkoll jifhmu li l-ħajt ma kienx "free standing", imma kien "fixed". L-esponenti jħossu li din iċ-ċirkustanza turi — u għalhekk biss huma qegħdin isemmuha — li anki nġinieri oħra, qabel il-kroll, kienu jikkunsidraw, u bir-raġun kollu, li l-proġett ta' amplijament tal-ġibjun in kwistjoni kien fondat fuq prinċipji sani;

"Jidher ċar, mis-sottomissjonijiet tal-esponenti, li l-konklużjonijiet tagħhom huma bażati fuq l-assunzjoni li l-ħajt li kkrolla kien "fixed", u mhux "free standing", u li dan il-fatt kellu jiġi assunt anki mill-proġettista tal-amplijament tal-ġibjun. Huwa utili, għalhekk, li jiġu rijepilogati l-provi — li fl-opinjoni tal-esponenti huma inkontestabbli — li juru li dan huwa minnu. Għall-faċilità ta' riferenza dawn il-provi qed jiġu klassifikati taħt tliet kapi; u huma dawn:—

"Provi razzjonali:—

"1. Il-ħajt ma kienx mibni ġebla fuq ġebla, imma kien skavat fir-roċċja viva;

"2. Il-ħxuna tal-ħajt kienet għal kwalsijasi nġinier, evidentement insuffiċjenti biex ħajt "free standing" ikun

jista', bil-massa tiegħu biss, jirreżisti l-ispinta ta' ilma li kien minn dejjem jilqa';

"3. Il-forma tal-ħnejjiet, ċjoè mingħajr "Spandrels", kienet tindika li ma kienetx intenzjonata biex isservi ta' sostenn, imma sempliċement biex terfa' l-piż tas-saqaf;

"Provi riżultanti minn kalkoli:—

"1. L-istess kalkoli li jirriżultaw mill-proċess urew li, f'kull każ, il-ħajt kien qiegħed jirreżisti għal pressjoni wisq akbar milli kien jirreżisti kieku kien "free standing", u li l-bażi kienet qegħdha tirreżisti ġibda konsiderevoli;

"2. Skond l-istess kalkoli li jirriżultaw mill-proċess, l-aktar parti fonda tal-ħajt kien imissha, kieku l-ħajt ma kienx imwaħħal mal-qiegħ, tinqaleb meta l-livell tal-ilma jilħaq 20'3" ((ara Sheet 13a. fol. 148 tal-proċess); mentri, skond l-istess rapport li fih jinsabu dawn il-kalkoli, il-kroll sar meta din is-sezzjoni ġiet imbuttata minn kolonna ta' ilma 23'7" għolja; liema kolonna tipproduċi "overturning moment" bil-bosta akbar minn meta tkun 20'3";

"3. Din is-sezzjoni, li ġiet pruvata għal spinta ta' 23'7" għoli ta' ilma, fil-fatt ma nqalbetx, u għadha fil-post oriġinali, avvolja l-kontinwità tal-massa tal-blat kienet interrotta f'dawn l-inħawi bi tliet brajjem paralleli, kif jidher fid-disinn hawn anness (Sheet No. 1). Mhux biss, imma din il-parti tal-ħajt tant ma ġietx affettata minn din l-ispinta, li l-inkulmaturi ta' dawk il-brajjem ma għamlu ebda moviment, ħlief fi tratt żgħir fit-tarf tal-brama;

"4. Minn diagram J a fol. 149 tal-proċess jirriżulta li din is-sezzjoni kienet tirreżisti ġibda ta' 13,720 lbs. p. sq. ft. Dan ifisser li l-forza tal-qabda li kellu l-ħajt mal-qiegħ, f'din il-parti tiegħu fuq ix-xifer tal-ġiebja numru 2, kienet u baqgħet tirreżisti din il-ġibda tal-intensità ta' 13,720 lbs. p. sq. ft. mingħajr ma nqalgħet minn mal-qiegħ — ħaġa li żgur ma kienetx tiġri kieku l-ħajt kien "free standing";

"5. Kif kien oriġinarjament il-ħajt, dan wera li. anki

mingħajr l-għajnuna tal-arkati, kien jirreżisti għal spinta ta' 23'7" għoli ta' ilma. Dan jidher mill-fatt li ma pproduċiex ftuħ tal-fili bejn is-samrotti tal-ħnejjiet;

"Provi fiżiċi:—

"1. Il-biċċiet li nqatgħu mir-robbu tal-blat tal-ħajt li kkrollа, u li baqgħu mwaħħla mal-qiegħ fil-pożizzjoni oriġinali;

"2. Il-biċċa blat tal-qawwi li nqatgħet minn li strat ta' taħt il-ħajt u baqgħet imwaħħla mal-bażi tiegħu. Dawn iż-żewġ eżemplari juru kemm kienet kbira l-adeżjoni tal-ħajt mal-qiegħ fejn preżumibbilment ma kienx hemm id-difett tant pronunzjat daqs f'dik il-parti tal-ħajt taħt il-pilastru numru. 127;

"Relattivament għall-provi li għadhom kemm elenkaw, l-esponenti għandhom żewġ osservazzjonijiet oħra x'jagħmlu;

"L-ewwel waħda hija li, ad eċċezzjoni tal-provi fiżiċi li rriżultaw wara l-kroll, il-provi l-oħra kollha kienu apparenti qabel il-kroll, u għalhekk setgħu ġew meħuda in konsiderazzjoni mill-perit proġettista. Barra minn hekk, dawn il-provi kienu jiġġustifikawħ fid-deċiżjoni li huwa evidentement ħa li l-ħajt ma kienx "free standing", u li kwindi kien jista' jirreżisti għal spinta ta' ilma ta' għoli wisq superjuri għal dak li kien qed jikkontempla. speċjalment in vista tal-fatt li huwa kien qiegħed ibaxxi l-għoli tal-ilma aġenti fuq il-ħajt b'xi 7";

"L-osservazzjoni l-oħra hija illi, una volta stabbilit li l-ħajt ma kienx "free standing", huwa naturali li t-teorija ntiża esklużivament għal "free standing walls" mhix applikabbli għal dak il-ħajt. Minn din it-teorija jistgħu joħorġu biss riżultati li ma jikkorrispondux mal-fatti, anzi riżultati li jikkonfermaw il-kuntrarju tal-premessa li fuqha hija bażata dik it-teorija, u ċjoè li l-ħajt ma huwiex "free standing";

"Dawn iż-żewġ osservazzjonijiet għandhom importanza kbira. Infatti, jirriżulta mill-proċess illi, tant l-opinjoni teknika tal-periti ġudizzjarji preċedenti kemm is-sentenza tal-Ewwel Qorti, huma bażati prinċipalment fuq kalkoli ntiżi esklużivament għal "free standing walls", u illi, barra minn hekk, waħda mill-konstatazzjonijiet tal-istess periti ġudizzjarji, u li naturalment huma fuqha bbażaw il-konklużjonijiet tagħhom, hija żbaljata;

"Kif ġa ntqal, it-teorija relattiva għall-"free standing walls" ma tistgħax tiġi applikata għall-"fixed walls" mingħajr ma din it-teorija twassal għal konklużjonijiet foloz. Għal "fixed walls" wieħed irid juża kriterji oħra; u fl-umili opinjoni tal-esponenti, dawn il-kriterji, fil-każ preżenti, kienu kollha jiġġustifikaw fiduċja fil-ħajt; u l-kroll ġara minħabba element injot, li mhux biss ma setgħax jiġi aċċertat, imma li kien ta indikazzjonijiet li ma kienx jeżisti;

"Dwar il-konstatazzjoni żbaljata li għaliha għadha kif saret riferenza, l-esponenti għandhom igħidu dan: waħda mill-konstatazzjonijiet bażilari li għamlu l-periti ġudizzjarji preċedenti tinsab a fol. 75 u 81 tal-proċess, li qegħdha tiġi riprodotta hawn; huma qalu (a fol. 75) li l-kapaċità kubika tal-ġwiebi qodma ġiet miżjuda billi l-ħitan tal-blat ta' bejn u fuq il-ġnub tal-ġwiebi ġew illivellati sal-għoli tal-fuqqani tal-ħnejjiet li l-lum tneħħew, u b'hekk l-għoli tal-ġwiebi ġie miżjud b'ċirka ħames piedi u nofs (5'6"); a fol. 81 l-istess periti ġudizzjarji qalu li l-ilma f'dawn l-erbgħa ġwiebi jitla' l-għoli tal-ħnejjiet iżjed milli kien jitla' qabel ma sar dan ix-xogħol, mentri qabel, l-għoli tal-ilma kien jasal sa mal-bidu tal-ħnejjiet jew ftit iżjed il-fuq;

"Il-konstatazzjonijiet li għamlu l-esponenti juru, inveċe, li l-ilma kien oriġinarjament, jitla' sal-fuqqani tal-ħnejjiet, u li fil-fatt l-għoli massimu tal-ilma, wara l-alterazzjonijiet, kien 7" anqas minn dak li oriġinarjament ceta' jasal. Dan jirriżulta mir-records tad-Dipartiment u mill-indaġini li għamlu l-esponenti fuq il-post;

"Ta' min jirrileva li, peress illi l-ispinta tal-ilma tvarja mal-kubu tal-għoli, kieku l-proġettista in realtà għolla l-

kolonna tal-ilma aġenti kontra l-ħajt b'5'6" (kif jgħidu l-periti preċedenti), kieku l-ispinta tal-ilma kienet issir darbtjen u nofs ċirka daqs dik li kien hemm qabel, u allura kien ikun hemm verament ċirkustanzi gravi. Iżda, kif ġa ntqal il-kolonna tal-ilma mhux biss ma ġietx miżjuda b'5'6", imma ġiet ridotta b'7";

"Dan kollu premess, l-esponenti sejrin jirrijepilogaw xi punti saljenti fil-qosor; u huma dawn:—

"1. Il-ħajt li kkrolla kien imqabbad mal-qiegħ tal-ġibjun b'forza konsiderevolissima, u seta' kwindi jiġi avdat biex jilqa' l-ispinta kontemplata;

"2. Il-ħajt ma seta' qatt jinqaleb qabel ma tiġi superata l-forza tal-adeżjoni, u per konsegwenza, il-vera kawża tal-kroll kienet l-insuffiċjenza tal-adeżjoni f'dik iz-zona fejn kien hemm konċentrazzjoni ta' molluski, u mhux l-"overturning";

"3. Għaldaqstant, it-teorija tal-"overturning moment", intiża biss għall-"free standing walls", ma tapplikax għal dan il-każ;

"4. Dwar l-assaġġi, apparti l-fatt li l-ħajt kien ta prova tar-reżistanza tiegħu non ostante d-difetti li seta' kien fih, dawn id-difetti huma preżunti fit-teorija ta' ħajt "free standing"; u komunkwe, l-assaġġi għat-tfittċija ta' xi difetti fil-blat kienu jkunu inutili kemm għar-rigward tal-brajjem kif ukoll għall-iskoperta tal-istrat tal-fossili fil-bażi tal-ħajt, li kien il-fattur determinanti tal-kroll;

"5. L-adeżjoni kienet l-aktar dgħajfa fejn dawn il-molluski kienu l-iżjed numerużi u ċjoè taħt il-pilastru numru 127;

"6. Kieku ma kienetx din id-defiċjenza fl-istruttura tal-ħajt, il-kroll ma kienx jiġri;

"7. Il-parti tal-ħajt fejn beda l-kroll kienet sollecitata bi pressjoni wisq iżgħar minn dik li kienet qegħdha

taħdem fuq il-parti l-aktar fonda tal-ġibjun, fejn il-ħajt ma ċediex;

"8. Iz-zona tal-ħajt indebbolita mill-preżenza tal-molluski ma ċedietx qabel waqt ix-xogħolijiet, meta l-ħajt kien taħt l-agħar kondizzjonijiet (kif jidher mid-disinn Sheet No. 5); għaliex:—

"(a) It-tqaċċit fil-bażi tal-ħajt, f'din iċ-ċirkustanza, ma laħaqx ipprogredixxa suffiċjentement qabel ma l-livell tal-ilma reġa' tbaxxa; b'riżultat però, li l-ħajt minħabba f'hekk sar iżjed debboli milli kien oriġinarjament;

"(b) Jew seta', fl-intervall bejn din iċ-ċirkustanza u l-ultimazzjoni tal-opra, sofra minn xi fattur indeterminat, bħal xi theżżiża tellurika, mingħajr ma ħalla traċċi viżibbli;

"9. Diminwita b'din il-manjiera l-adeżjoni taħt il-pilastru 127, il-ħajt wasal biex jiffunzjona kważi bħala "free standing", u għalhekk ma rreżistiex bħal ma kien mistenni, u ċeda meta s-sollecitazzjonijiet li kienu qed jaħdmu fuqu kienu kważi imperċettibbilment iżjed gravi minn dawk li huwa kien wera li jista' jsostni fl-imgħoddi;

"10. Kieku din iz-zona tal-ħajt kienet libera lateralment, ċjoè mhux kontinwa mal-kumplament tal-ħajt, kienet tikkrolla weħedha, mingħajr ma tiġbed magħha l-partijiet l-oħra tal-ħajt;

"11. Malli beda l-moviment laterali tal-ħajt taħt il-pilastru numru 127 l-ekwilibriju tal-forzi kollha ġie disturbat, u l-effett tal-ispinta ġie miżjud b'dawn il-fatturi:—

"(a) Il-piż tal-ħajt ġie ridott bil-pressjoni massima eżerċitata vertikalment kontra s-superfiċi tal-qiegħ hekk maqtugħa minn mal-bażi, mill-ilma li pperkola: u għalhekk ir-reżistenza tal-ħajt kontra l-qlib mill-ispinta laterali ġiet ridotta;

"(b) U bil-pressjoni eżerċitata mill-bażi tal-pilastri li kienu qed jittrasmettu l-piż tat-travi u tas-saqaf fuq il-

ħajt ġiet inklinata b'mod li bdiet teżerċita forza laterali fil-iżjed parti għolja tal-ħajt;

"12. Dawn il-forzi kollha, kollaboranti mal-pressjoni tal-ilma u mal-piż tal-parti tal-ħajt li bdiet iċċedi, bdew jaġixxu fuq is-sezzjoni ċentrali tal-ħajt, li kompliet tirreżisti non ostante din il-prova hekk iebsa; tant li, għalkemm anki din is-sezzjoni ċentrali sa fl-aħħar kellha ċċedi, ma nqalgħetx minn mal-bażi mat-tul kollu, imma nkisret, in parti, aktar il-fuq, u b'hekk ħalliet prova tas-saħħa kbira tal-adeżjoni;

"13. Il-kroll kompla jipproċedi, kif ġa deskritt, sakemm wasal sal-ewwel brama li kien hemm bejn il-pilastru 105 u l-pilastru 104; liema brama, peress li kienet inklinata fl-istess direzzjoni, ma ostakolatx il-kroll, u b'hekk din il-parti tal-ħajt baqgħet wieqfa avvolja kienet taħt l-akbar pressjoni ta' ilma;

"14. Dawn id-disturbi kollha ġraw fi żmien qasir ta' ftit sekondi, imma ma ġrawx kollha flimkien jew istantaneament, u b'hekk taw l-opportunità lil Vella — li telaq jiġri qabel l-oħrajn appena sema' l-ewwel theżżiż — li jasal quddiem il-bokka tal-mina li tagħti għall-ġiebja numru 4, fejn ġie maqbud mir-raxx tal-ilma u mkaxkar għar-ripar tal-ħajt, li pproteġieh mill-mewt;

"Konklużjoni:—

"In konklużjoni, l-esponenti jissottomettu illi, meta ċ-ċirkustanzi tal-fatt jiġu kunsidrati obbjettivament, l-unika konklużjoni li tista' tinġibed hija li dawk iċ-ċirkustanzi kienu jiġbru fihom l-ingredjenti kollha atti sabiex jingannaw lill-inġinier proġettista, u li dan, bħal ma kien jiġrilu ħadd ieħor, ġie effettivament ingannat;

"Infatti, barra milli kien ta prova li ma kienx "free standing", u li l-adeżjoni tiegħu bejn l-istrati ġeoloġiċi fil-pjan tal-bażi tiegħu kienet ta' ċertu riljev, dan il-ħajt, matul il-kors tax-xogħolijiet ta' amplijament kompla jsaħħaħ il-fiduċja li kien jispira meta sostna feliċement ċirkustanzi agħar minn dawk li rnexxielhom jikkawżaw il-

kroll. U inġinier proġettista li ma jkunx qed jiskava huwa stess l-ilsna ta' blat, imma jsibhom lesti u għandu jinkorporahom fi proġett akbar, għandu wkoll raġjonevolment jaċċetta din il-prova;

"Huwa veru li l-inġinier proġettista, persważ, kif raġjonevolment kellu jkun, mill-forza ta' adeżjoni li kien wera l-ħajt, iddipartixxa b'mod insinifikanti mill-kumpless ta' forzi aġenti u forzi reżistenti li l-ħajt kien ta' prova li seta' jsostni matul aktar minn 75 sena li kien ilu jeżisti, u li, non ostante li dik id-differenza kienet insinifikanti, fil-fatt kienet, minħabba ċirkustanzi oħra, fatali; iżda jibqa' l-fatt li d-differenza kienet tant żgħira li l-proġettista seta' jieħu r-riskju tagħha, billi weħedha ma kienetx biżżejjed biex tipprovoka l-kroll. Anzi dan il-fatt jikkonferma l-istat prekarju li kien jinsab fih il-ħajt qabel ma sar ix-xogħol ta' amplijament minħabba l-konċentrament ta' fossili f'zoni partikulari;

"Huwa infatti dan il-fattur, waħdu, li kien responsabbli għall-katastrofi; u billi l-eżistenza ta' fossili f'dik l-intensità setgħet tiġi konstatata biss wara l-kroll u bħala konsegwenza tiegħu, u hija ħaġa wisq rari li tiġi riskontrata, tant li l-esponenti qatt ma kienu ltaqgħu magħha qabel, il-kawża tal-kroll kienet imprevedibbli";

Ikkunsidrat;

Għal dak li jirrigwarda r-redazzjoni u l-eżekuzzjoni tal-proġett, l-Ewwel Qorti eskludiet in-nuqqas ta' assaġġi jew ta' sorveljanza waqt ix-xogħol, u sabet illi ma kienx hemm da parti tal-appellant dik id-diliġenza ordinarjament rikjesta minn perit; in kwantu l-ħajt li waqa', inkorporat fil-proġett, ma kienx ta' ħxuna suffiċjenti biex jilqa' l-forza tal-ilma li kien intiż jissaporti;

Il-pożizzjoni teknika tinsab il-lum f'dawn it-termini: l-ewwel periti jirritjenu illi l-proġettista kellu, rigward il-ħxuna ta' dal-ħajt, isegwi t-teorija ta' ħajt "free standing", u hekk l-istess ħajt ma kienx tal-ħxuna meħtieġa skond l-istess teorija; il-periti addizzjonali, inveċe, jirrit-

jenu illi t-teorija ta' ħajt "free standing" ma tapplikax għal ħajt monolitiku li jkun diġà ta prova tas-solidità u forza tiegħu; l-istess periti sabu li l-konċepiment tat-tħaffir tal-ġibjun, bil-mod li ġie attwat, kien bażat fuq konċetti u kalkoli tajba, u illi l-kroll tal-ħajt kien dovut għal trabokk tan-natura, li la kien traċċjabbli u lanqas prevedibbli; l-indikazzjonijiet kollha kienu li dak id-difett ma kienx jeżisti u kienu tali li jqarrqu kwalunkwe inġinier ieħor, taħt l-istess ċirkustanzi;

Hu meħtieġ għall-kostituzzjoni tar-reat involontarju skond l-art. 239 tal-*Kodiċi Penali*, *illi tirrikorri kondotta* volontarja negliġenti — konsistenti ġenerikament f'nuqqas ta' ħsieb ("imprudenza"), traskuraġni ("negliġenza"), jew ta' ħila ("imperizia") fl-arti jew professjoni jew konsistenti speċifikament f'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti — li tkun segwita, b'ness ta' kawżalità, minn event dannus *involontarju*;

Għandu jiġi premess illi, għall-aċċertament tal-ħtija minħabba f'kondotta negliġenti, għandu isir il-konfront tal-kondotta effettivament adoperata ma' dik ta' persuna li s-sapjenza rumana identifikat mal-"bonus pater familias"; dik il-kondotta, ċioè, illi fil-każ konkret kienet tiġi wżata minn persuna ta' intelliġenza, *diliġenza u sensibbilità normali*; kriterju dan li, fil-waqt li jservi ta' gwida oġġettiva għall-ġudikant, iħallieh fl-istess ħin liberu li jivvaluta d-diliġenza tal-każ konkret. "La diligenza del buon padre di famiglia costituisce un criterio abbastanza indeterminato per lasciare al giudice gran libertà di valutazione" (Giorgi, Teoria delle Obbligazioni, II, 27, p. 46);

Applikat għall-professionista, dan il-konċett huwa espress f'dawn it-termini minn Eddy, "Professional Negligence" (ed. 1956, p. 2) :— " . . . . . a man or a woman who practises a profession is bound to exercise the care and skill of an ordinary competent practitioner in that *capacity*";

B'applikazzjoni ta' dan il-kriterju għall-każ tal-arkitett, il-Qorti tal-Appell tal-Maestà Tagħha r-Reġina stabbiliet illi:— "The duty of an architect is to use the care and

skill of an architect of ordinary competence measured by the professional standards of his time" ("Cini vs. Galea", 27 ta' Ottubru 1958);

Quddiem diffikultajiet li fil-każ speċifiku tiġi aċċertata, bil-kriterju fuq espost, in-negliġenza bħala kawża tal-event dannus, spiss id-dottrina tagħmel id-distinżjoni bejn l-"errur" u l-"ħtija", partikularment fil-każ tal-eżerċizzju ta' professjoni; u dan biex, mentri minn naħa waħda jiġi tutelat sewwa l-interess soċjali fil-prestazzjonijiet professjonali, ma tiġix minn naħa l-oħra paralizzata eċċessivament l-attività tal-professjonista, konfrontata kif tinsab, f'kamp wieħed aktar minn ieħor, b'inċertezzi, konflitt ta' ndirizzi xjentifiċi, u fatturi imprevedibbli;

Fit-trattat "La responsabilité Penale de l'Ingenieur" (ed. 1959, n. 41, p. 54), Yvon Hannequart, tal-Fakoltà tad-Dritt fl-Università ta' Liege, jesprimi ruħu hekk f'dan ir-rigward:— "Quelle que soit la gravité des sanctions edictées, mais surtout si celles-ci s'alourdissent, la faute penale doit être nettament séparée de l'erreur non fautive, Puisque le bon citoyen respectueux des interêts sociaux e de la legalité se trompe et cause souvent des dommages par le fait des ses erreurs, la faute penale ne devrait être decélée que là ou la conduite manifeste une erreur que n'aurait pas commise cet homme normal pris pour modéle". U aktar il-quddiem jgħid (ibid. n. 58, p. 71):— "De facon générale on peut donc dire que la faute est une erreur de conduite telle qu'elle n'aurait pas été commise par une personne avisée placée dans les memes circonstances externes que l'auteur du dommage";

Anki l-ġurisprudenza, spiss esprimiet indirizzi f'dan l-ordni ta' idejiet, u, konfrontata miċ-ċirkustanzi tal-każ partikulari ġie li kkwalifikat l-errur professjonali li jagħti lok għall-ħtija. "Il-professjonista li jieħu żball fil-professjoni tiegħu ma jirrispondix għad-danni jekk l-iżball ma jkunx grossolan, u jekk tkun ġiet minnu adoperata d-diliġenza ordinarja li trid il-liġi" (Kollez. XXXII-I-163). "Il-professjonista mhux tenut għad-danni riżultanti minn żball professjonali, ammenokkè dan l-iżball ma kienx grossolan, u ammenokkè l-ħtija ma tkunx tista' tiġi lilu addebitata

mħabba nuqqas ta' prudenza u attenzjoni ta' 'bonus pater familias' " (Kollez. XXXVI-I-55);

Diversi deċiżjonijiet ta' tribunali esteri adottaw l-istess indirizz, kif għamlet f'każ quddiemha l-Qorti Taljana:— "Solamente la negligenza inescusabile e l'errore grossolano possono dar luogo a reati colposi per imperizia professionale" (Giurisp. Cod. Pen. Ital. Conti, art. 371, 1889, n. 137);

Il-kwistjoni tal-errur professjonali ġiet studjata reċentement mill-ġurista Giovanni Cattaneo fit-trattat "La responsabilità del professionista" (ed. Giuffrè, 1958). Fil-komment għall-art. 2236 tal-Kodiċi Ċivili Taljan, li fuq il-bażi tal-ġurisprudenza anterjuri għal dak il-Kodiċi jiddisponi illi "se la prestazione implica la soluzione di problemi tecnici di speciale difficoltà il prestatore d'opera non risponde dei danni se non in caso di dolo o di colpa grave", l-awtur l-ewwel (paġ. 66) jistabbilixxi l-errur professjonali hekk:— "L'errore professionale . . . . si ha quando la condotta risulti non obiettivamente adatta al caso concreto sebbene il professionista abbia agito diligentement, facendo quanto gli suggerivano le conoscenze proprie del buon professionista della sua categoria; se poi, verificatosi l'esito negativo, si scopre che la condotta per ottenere il risultato avrebbe dovuto essere diversa, nulla può rimproverarsi al professionista, che non era in grado di rendersene conto preventivamente". Mbgħad (p. 67) jagħmel din l-osservazzjoni:— "Così inteso, l'errore professionale è allora in sostanza un comportamento tecnicamente errato, ma non necessariamente colposo, che è causa del mancato raggiungimento del risultato utile cui mira il cliente. Il problema dell'errore professionale viene perciò a coincidere con quello del nesso causale tra inadempimento e danno. Infatti, se il risultato infausto si verifica indipendentemente dal comportamento del professionista, manca il nesso di causalità, che è invece presente in caso di errore colpevole. Se ciò è vero, il concetto di errore professionale risulta in sostanza inutile, perchè non aggiunge nulla al concetto di causalità che è lo stesso per ogni sorta di danno, anche al di fuori della responsabilità professionale . . . Si può solo notare che il nesso causale si presenta sotto

diverso aspetto, a seconda che l'esito della attività dipenda, oltre che dall'attività del professionista, da una serie di fatti naturali oppure da atti volontari di terze persone";

Din il-Qorti, kif presjeduta, tilqa', u sejra tapplika għall-każ preżenti, dan il-konċett tal-iżball professjonali, u hekk mingħajr ma tirrikorri għal ebda kwalifiki f'dan irrigward tax-xorta tal-iżball; u dan preċiżament biex tagħmel ċar illi l-attività professjonali ma dgawdi ebda pożizzjoni speċjali quddiem il-liġi penali, u li l-professjonista, bħal kull ċittadin ieħor, għandu l-obligu strett li fil-kondotta professjonali tiegħu huwa juża skrupolożament irrisorsi tiegħu kollha skond ma tkun tirrikjedi s-sitwazzjoni. Il-Qorti trid tneħħi kwalunkwe rifless li jista' jittieħed illi, mentri għall-professjonista, biex tiġi stabbilita l-ħtija kolpuża, irid jirriżulta żball grossolan da parti tiegħu, għall-kondotta kolpuża ta' ħadd ieħor, inveċe, dan mhux neċessarju. Aktar milli x-xorta tal-iżball, huwa l-apprezzament taċ-ċirkustanzi partikulari tal-fattispeċje, bid-diffikultajiet u relattivitajiet tagħhom, li jiggwidaw lill-ġudikant biex, fuq il-kriterju tal-"bonus pater familias", kif fuq espost, huwa jkun jista' jiddetermina jekk in-ness ta' kawżalità bejn il-kondotta u l-event tal-każ konkret ikunx assodat jew le; u fil-każ preżenti, jekk ġiex pruvat illi l-event dannus jirrisali neċessarjament għall-kondotta tal-appellant bħala kawża ġuridika tiegħu;

Kunsidrat f'dan l-aspett l-errur professjonali, il-Qorti tagħmel tagħha, għall-apprezzament tal-provi, il-kliem ta' Cogliolo (Teoria delle Colpe, Vol. 11, p. 137) :— "Nelle professioni c'è tutto un campo insindacabile ed inespugnabile, ed è quello che il diritto inglese chiama 'errore di giudizio'. Il-professionista, cioè, di fronte ad un caso pratico, valuta le varie circostanze, e si forma un convincimento che poi i fatti sucessivi mostrano errato; di questo errore nessuno risponde, se non è fondato su evidenti errori di ricerca e di dottrina";

Ikkunsidrat;

F'dan il-każ in-negliġenza fil-forma speċifika ta' "nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti" (art. 239) ma tirrikorrix

billi ma kienx hemm preskrizzjonijiet speċifiċi leġislattivi li l-appellant kellu preventivament josserva; u hekk, fuq il-bażi tal-premess, il-pożizzjoni ġuridika tal-kawża, għal dak li jirrigwarda r-redazzjoni tal-proġett, hija f'dawn it-termini:— "Ġie pruvat illi l-event kien dovut għax l-appellant ma użax id-diliġenza ordinarjament mistennija minn 'vir bonus' tal-istess kategorija fl-istess ċirkustanzi?"

Għas-soluzzjoni tal-kwistjoni, l-azzjoni tal-appellant trid tiġi rikostruwita fil-klima taċ-ċirkustanzi li kienu jeżistu qabel il-fatt, fil-kumpless tal-probabbilitajiet u valur obbjettiv tal-każ, u mingħajr dik l-ossessjoni li diżastru tal-entità ta' dak f'din il-kawża neċessarjament jipproduċi, speċjalment fiż-żmien viċin wara li jiġri, u li fil-ġeneralità tan-nies iqanqal ix-xewqa ta' espjatur għal dak li ġara. Kien preċiżament il-bżonn tar-rikostruzzjoni tal-klima anteċedenti għall-fatt bil-vantaġġ li joffri t-trapass taż-żmien, flimkien mat-tekniċità partikulari tal-kwistjonijiet involuti fil-kawża, u flimkien mal-konsiderazzjoni illi s-sistema proċedurali penali malti ma jawtorizzax il-produzzjoni ta' tekniċi f'kawża mill-parti nteressata, li nduċew lil dil-Qorti li tinnomina periti addizzjonali. Ma kien ebda rifless ħażin fuq il-kapaċità tal-ewwel periti li wassal lill-Qorti għal dak il-provvediment imma kien il-bżonn vitali li ħasset dil-Qorti li tkun taf, għas-soluzzjoni tal-kawża, liema seta' jkun il-parir ta' persuni oħra tal-professjoni tal-appellant, inġinieri ta' preparazzjoni u esperjenza, sabiex hija tkun tista' tiddetermina jekk jirriżultax illi l-appellant naqas li jadopera d-diliġenza ta' perit tajjeb. Il-Qorti tħares lejn l-ewwel u t-tieni periti bħal kulleġġ tekniku, u tesprimi lejhom kollha kull ammirazzjoni u stima għall-kapaċità u solerzja li wrew fl-espletament tal-inkarigi tagħhom, u li b'mod hekk impenjattiv għexu mal-Qorti l-ansja tal-proċess;

Ikkunsidrat;

Kif jirriżulta mir-records tad-Dipartiment tal-Ilma, l-erbgħa ġibjuni nkorporati fil-proġett mill-appellant kienu ġew skavati fil-blat fis-sena 1883, u, ħlief għal sitt ijiem f'April 1942, meta l-ewwel tliet ġibjuni ma ntużawx min-

ħabba ħsara tal-gwerra, huma baqgħu kollha jiffunzjonaw sa meta ġara l-każ;

Bħala Senior Engineer fid-Dipartiment. l-appellant kien ġie nkarigat mill-pjantar u eżekuzzjoni ta' proġett għall-konversjoni tal-erbgħa ġibjuni f'reservoir kbir. Fid-depożizzjoni tiegħu tal-5 ta' Ġunju 1959, l-appellant xehed illi huwa kellu istruzzjonijiet li sakemm jista' jkun jutilizza r-reservoir għall-itwal żmien possibbli, mingħajr ma dawn l-istruzzjonijiet kienu mposti a skapitu tas-solidità tax-xogħol. Fli-"specification" relattiva għall-offerti għall-eżekuzzjoni tax-xogħolijiet intqal:— "It is proposed to convert the four underground tanks at Ta' Qali into one large reservoir . . . . As the water reservoir capacity in the Island is very limited, it is desired to keep these tanks in operation as long as possible whilst construction works are in progress. The works will therefore be carried out in two stages . . . . . Works in the second stage must be carried out between November of one year and April of the following year, as this is the period when the Water and Electricity Department can afford to do away with the reserve provided by these tanks";

Hekk, fir-redazzjoni tal-proġett l-appellant kellu tliet obbjettivi quddiemu: l-ewwel, u prinċipalment, li jipproġetta kostruzzjoni solida; it-tieni, illi, mingħajr preġudizzju għas-solidità tal-kostruzzjoni, huwa jutilizza l-ġibjuni li kien hemm qabel; u t-tielet, li kemm jista' jkun ma jinterrompix is-servizz tal-ilma. L-inkorporament tal-erbgħa ġibjuni fil-proġett, oltre l-iskop tal-kontinwità tas-servizz tal-ilma, kellu anki fini ekonomiku, illi ċjoè, mingħajr preġudizzju għas-sikurezza tal-kostruzzjoni, in-nefqa finanzjarja li xogħol simili kien jimporta tkun baxxa kemm kien possibbli. Għandu jkun obbjettiv ta' proġettista illi fil-limiti tat-tjubija tagħha, il-kostruzzjoni tirnexxi l-aktar ekonomikament vantaġġjuża għall-klijent. B'dawn l-obbjettivi quddiemu l-appellant irrediġa l-proġett u kabbar il-ġibjun;

Jgħidu t-tieni periti:— "Meta ġie biex jestendi l-ġibjun, il-proġettista naturalment ikkunsidra l-fatt li l-ilsna

tal-blat li kellu jinkorpora fil-proġett kienu ilhom żmien twil jilqgħu pressjoni ta' ilma ta' ftit pulzieri iżjed mill-massimu li setgħu jkollhom wara l-eżekuzzjoni tal-amplijament; barra minn hekk, huwa kien qiegħed jikkontempla li jgħabbi dawn l-ilsna ta' blat b'sistemi ta' pilastri, travi u saqaf tal-konkos, ta' piż ta' ċertu riljev; konsegwentement, l-alterazzjonijiet proġettati kellhom inaqqsu l-ispinta tal-ilma, billi kellu jonqos l-għoli massimu tal-livell tal-ilma; kellhom jgħabbu l-ħajt tal-blat b'sistema ta' pilastri, travi u saqaf; u kellu jnaqqas l-azzjoni li kellhom il-ħnejjiet. Bħala riżultat ta' dan, il-pożizzjoni li nstab fiha l-ħajt meta kkrolla kienet — kif jirriżulta minn kalkoli li għamlu l-esponenti — kemm kemm agħar minn dik li kien jinstab fiha l-ħajt kif oriġinarjament proġettat, ċjoè bil-ħnejjiet fuq iż-żewġ lati tiegħu. meta kien ikollu ilma ta' għoli massimu fuq naħa waħda u kien xott mill-lat l-ieħor. Dan in-nuqqas, però, kien pjuttost insinifikanti a paragun tar-reżistenza dovuta għall-"fixity" li wera li kellu l-ħajt". Anki l-ewwel periti, fix-xhieda tagħhom quddiem il-Qorti tat-18 ta' Jannar 1961, ikkwalifikaw ir-reżistenza li kienu joffru l-ħnejjiet, mingħajr "spandrels" kif kienu, bħala "daqsxejn reżistenza";

Fuq kalkoli u esperimenti li għamlu, il-periti addizzjonali waslu għall-konklużjoni illi "...... fejn il-qabda mal-qiegħ mhix difettuża, ħajt li jkun hekk imqabbad jista' jkun ta' għoli li jiflaħ jirreżisti l-"overturning moment" daqs 130 darba akbar ta' ħajt tal-istess ħxuna li jkun "free standing", u li jkun għoli, meta l-ħajt ikun magħmul minn blat ta' Malta darbtejn u nofs (2½) il-ħxuna tiegħu. Ekwivalenti hija l-asserzjoni illi, fejn il-qabda mal-qiegħ mhijiex difettuża, ħajt tal-blat tal-franka jista' jkun dejjaq sa kwint (1/5) tal-wisa' ta' ħajt "free standing" tal-istess materjal u għoli";

Jgħidu wkoll l-istess periti:— "Huwa evidenti li l-proġettista kien qed jikkunsidra dak il-ħajt bħala "fixed" fil-kalkoli tiegħu, u mhux bħala "free standing"...... Kif kien jagħmel normalment kwalunkwe inġinier ieħor fl-istess ċirkustanza, huwa kien qiegħed jaċċetta l-fatt li l-ħajt kien "fixed", bħal ma wera li kien fiż-żmien kollu li kien ilu jiffunzjona. Ħaġa waħda biss ma setgħax ikun jaf il-pro-

ġettista, u din hija l-limiti tar-reżistenza ta' dik l-adeżjoni; iżda mill-fatti li kellu quddiemu kellu raġjonevolment jassumi li dik l-adeżjoni kienet tajba, u kwindi li r-reżistenza li kienet toffri kienet konsiderevoli u uniformi mal-bażi kollha. Esternament kollox kien qiegħed jikkontribwixxi biex iġiegħel wieħed jifhem li l-ħajt kien jista' jiġi fdat biex jirreżisti l-ispinta kontemplata. Mhux biss ma kellu ebda sinjali esterni ta' debolezza, imma kien ta prova li kien att għax-xogħol li kien destinat għalieh......";

Konvint b'dan il-mod mill-forza tal-ħajt, l-appellant lesta l-proġett u għadda għall-eżekuzzjoni tiegħu; u f'dan l-istadju kellu l-assistenza kontinwa ta' żewġ inġinieri oħra, li kienu jattendu alternattivament fuq ix-xogħolijiet;

In kwantu għall-provi u assaġġi, l-Ewwel Qorti sabet illi l-assaġġi meħtieġa saru; u f'dan ir-rigward eżonerat lill-appellant. Fl-istess kontest. it-tieni periti qalu hekk:— "Dwar l-assaġġi, apparti l-fatt li l-ħajt kien ta prova tar-reżistenza tiegħu non ostante d-difetti li kien fih, dawn id-difetti huma preżunti fit-teorija ta' ħajt "free standing"; u komunkwe, l-assaġġi għat-tfittxija ta' xi difett fil-blat kienu inutili kemm għar-rigward tal-brajjem kif ukoll għall-iskoperta tal-istrat ta' fossili fil-bażi tal-ħajt, li kienet il-fattur determinanti tal-kroll";

Fuq il-kalkoli li għamlu l-periti addizzjonali dwar id-disinn tal-pilastri travi, saqaf u ħitan perimetrali tas-soprastruttura ideata mill-appellant, huma sabu li dawn kienu konformi mad-dettati tax-xjenza. Mill-eżami, mbgħad, tal-pjanti tal-ġibjun kif kien oriġinarjament u dawk tal-proġett. huma kokkonstataw illi mentri fl-istat oriġinali l-ħajt kien intiż li jsostni, u fil-fatt sostna, għoli ta' ilma kważi sal-livell tal-fuqani taċ-ċjavi tal-ħnejjiet, li f'xi bnadi kien jeċċedi l-livell tal-fuqani tal-istess ħajt, wara l-alterazzjonijiet l-ilma ma seta' qatt jilħaq dan il-livell, għax kien ifur minn fuq l-istess ħajt għall-ġiebja adjaċenti;

Rigward it-tħaffir għall-kostruzzjoni tal-pilastri. l-istess periti. fid-depożizzjoni tagħhom quddiem din il-Qorti tal-24 ta' Jannar 1961, qalu hekk:— "It-tħaffir tal-blat sar

għall-pilastri, però mhux sa isfel nett. L-aktar li jinżel l-isfel hu l-pilastru numru 130, li għamlu ħajt mibni taħtu. Għa'l-pilastri l-oħrajn, skond ix-xhieda, niżlu sa kemm waslu sa wiċċ il-blat. Fil-wiċċ tal-ħajt il-pressa tkun żero u kwindi, meta t-tħaffir ikun sar fuq nett, dan ma jinfluwenzax il-ħajt. Barra minn hekk, kull ħofra li saret intliet bil-materjal tal-konkrit. Il-piżijiet tal-pilastri u fejn kienu mdeffsin fil-ħajt baqgħu solidi, u r-reżistenza tal-ħajt ma naqset xejn";

Dan kien il-kwadru tas-sitwazzjoni kif ippreżenta ruħu lill-appellant fl-istadju anteċedenti għall-fatt. Għandu jiġi rilevat ukoll illi matul ix-xogħolijiet, kif osservaw it-tieni periti, il-ħajt li kkrolla "mhux biss ma kellu ebda sinjali esterni ta' debolezza, imma kien ta prova li kien att għax-xogħol li kien destinat għalieh; u dan anki f'ċirkustanzi anormali u aktar gravi minn dawk proġettati, bħal ma ġara fiċ-ċirkustanza deskritta fix-Sheet Nru. 5, meta l-ħajt, non ostante li kien taħt l-agħar kondizzjonijiet li seta' jgħaddi minnhom, ma wera ebda moviment perċettibbli". Ix-Sheet numru 5 juri l-ħajt taħt l-agħar kondizzjonijiet li kien fiha fit-28 ta' Awissu 1957, mingħajr konsiderazzjoni tas-sovrakkarigu, meta kien għad hemm ħnejja minn naħa waħda tal-ħajt u materjal fuqha;

Din iċ-ċirkustanza, kif irrilevaw l-istess periti, kompliet saħħet il-konvinzjoni tal-appellant li l-ħajt kien "fixed", u li kien jissaporti l-funzjoni li għaliha kien destinat. Illi sal-mument tal-kroll il-ħajt ma ta ebda sinjali ta' debolizza semmewh anki l-ewwel periti, meta, fir-relazzjoni tagħhom spjegattiva tad-disinni annessi mar-relazzjoni prinċipali (fol. 151), huma qalu:— "Il-fatt li l-ħaddiema niżlu fil-ġibjun juri ċar illi ma kien hemm ebda sinjali esterni minaċċjanti d-diżastru";

Kien wara l-kroll li t-tieni periti setgħu jikkonstataw illi l-ħajt kien imqabbad mal-qiegħ tal-ġibjun b'forza konsiderevolissima, u seta' kwindi jiġi afdat biex jilqa' l-ispinta kontemplata, u sabu illi l-fattur determinanti talevent kienet il-preżenza ta' konċentrazzjoni ta' fossili filbażi tal-ħajt fiz-zona ta' taħt il-pilastru 127, fejn beda l-kroll. Din iz-zona kienet allura sollecitata bi pressjoni

wisq iżgħar minn dik li kienet qegħdha taħdem fuq il-parti l-aktar fonda tal-ġibjun, fejn il-ħajt ma ċediex. Din il-konċentrazzjoni ta' molluski kienet toħroġ barra mill-ordinarju, għall-ġeoloġija tal-blat malti, u l-istess periti qatt ma ntaqgħu magħha fl-esperjenza tagħhom;

Il-konklużjoni tat-tieni periti hija li l-kawża tal-kroll ma kienetx qabel konstatabbli u prevedibbli, u illi l-appellant kien fl-opinjoni raġunata, kif kellu jkun, illi l-ħajt kien kapaċi jsostni l-ispinta ta' ilma li għaliha kien intiż;

Ikkunsidrat;

Huwa obligu speċifiku ta' kullħadd illi juża fl-aġir tiegħu dik id-diliġenza li s-sitwazzjoni tissuġġerixxi għall-prevenzjoni ta' preġudizzju lit-terzi. Hija kultant il-liġi stess li permezz ta' preskrizzjonijiet u divjeti tiddixxiplina l-attivitajiet individwali f'kamp determinat; u f'dal każ ikun negliġenza, bħala element tal-kolpa, in-nuqqas ta' tħaris tal-preċett tal-liġi. Fejn dan il-liġi ma tagħmlux, tkun tikkostitwixxi negliġenza dik il-kondotta li l-ġeneralità tal-oħrajn tajba tal-istess kategorija ma kienetx tadopera fl-istess ċirkustanzi. Dan il-kriterju jindika l-limiti tar-responsabbiltà kolpuża, u fl-istess ħin jiddetermina d-diliġenza indispensabbli biex jiġu evitati s-sanzjonijiet legali; u waqt li jiddixxiplina l-kondotta ndividwali, iħalli lok għall-apprezzament tad-diffikultajiet u probabilitajiet tas-sitwazzjoni konkreta. Meta wieħed, quddiem każ prattiku, iqies iċ-ċirkustanzi jadopera ruħu kif ġeneralment kien jagħmel "vir bonus" tal-istess kategorija, u jifforma konvinċiment; jekk mbgħad jirriżulta li l-kondotta tiegħu ma kienetx obbjettivament adatta għall-każ konkret, huwa ma jirrispondix għar-riżultat. F'dan il-każ il-konvinzjoni raġunata, jew dik li komunement tissejjaħ iċ-"ċertezza morali", kif distinta miċ-"ċertezza obbjettiva", tkun suffiċjenti biex teskludi l-imputabbilità. Din il-konvinzjoni trid tkun bażata mhux fuq in-nuqqas ta impenji għall-iskoperta tar-realtà, imma fuq il-verosimiljanza soda li a bażi ta' elementi esterni, is-sitwazzjoni tkun tippreżenta;

Dan l-istess konċett iservi mbgħad ta' gwida biex jiġi stabbilit fil-każ partikulari n-ness ta' kawżalità bejn ir-ri-

żultat u l-kondotta tal-aġent. Presuppost ta' dan in-ness kawżali huwa komportament ġuridikament negliġenti; fejn dan ma jeżistix ma jkunx hemm quddiem il-liġi dak in-ness, u allura l-event dannuż joħroġ mill-limiti tal-imputabbilità u jkun jirrappreżenta l-fortuwitu;

L-element fortuwitu spiss jiddetermina sitwazzjoni. Dan partikularment jissuċċiedi fl-eżerċizzju ta' attivitajiet professjonali, fejn, f'ram aktar minn ieħor, il-professjonista huwa kontinwament konfrontat minn eżiġenzi, diffikultajiet u relattivitajiet ta' metodi, u espost għall-azzjoni ta' elementi injoti;

Jekk l-annali ġudizzjarji jabbondaw bi proċessi fejn ġiet konstatata n-negliġenza tal-professjonista, daqstant jabbondaw b'każi fejn huma ġew eżonerati minħabba fil-prevalenza tal-fortuwitu;

Issemma f'din il-kawża, u anki fis-sentenza appellata, id-diżastru ta' Frejus li ġara f'Diċembru tal-1959, fejn mietu mal-400 ruħ bil-kollass ta' diga' fuq ir-rivjera franċiża. Kif jidher mid-dokument a fol. 217 ta' dan il-proċess, dan id-"dam" kien "the thinnest in the world". Tant il-proġettista kemm l-eżekuturi, ġew mill-perizja li saret eżonerati mill-ħtija, għax irriżulta li l-kalkoli u l-kostruzzjoni kienu korretti u l-"flood gates" kienu jiffunzjonaw sewwa. Eppure, irriżulta illi "from the fragments of debris left behind by the waters, it is clear that the rock underneath the dam was to blame". Evidentement, il-proġettisti kienu ffurmaw il-konvinzjoni, fil-prospettiva taċ-ċirkustanzi, illi l-blat kien jiflaħ jirreżisti għall-forzi aġenti fuqu, u pproġettaw fuq is-solidità u reżistenza li l-blat kien wera li kellu. B'dan kollu, ipprevaliet l-azzjoni ta' forzi qabel injoti li wasslet għall-fatalità;

Fil-każ quddiem dil-Qorti, meqjusa fil-kumpless tagħhom iċ-ċirkustanzi kif kienu jippreżentaw ruħhom għall-appellant, u fid-dawl tal-opinjoni bla riżervi ta' tlieta mill-ħames esperti fil-kawża din il-Qorti, wara li rriflettiet fit-tul fuq l-opinjonijiet favur u kontra tal-perizji, tasal għall-

konklużjoni illi ma tirriżultax in-negliġenza tal-appellant kif trid il-liġi fil-konċepiment u eżekuzzjoni tal-proġett;

Ikkunsidrat;

Bħala nvoluta fir-reat ta' ħsara nvolontarja, l-appellant ġie misjub ħati anki tal-mewt tat-tliet irġiel fuq imsemmijin;

F'dan ir-rigward, l-Ewwel Qorti eskludiet li kien hemm ħtija da parti tal-appellant fl-attwali mili tal-ġibjuni. Fil-waqt li kien hemm dejjem ir-"resident engineer", l-appellant kien jattendi fuq il-post, u kien anki preżenti sa ftit ħin qabel id-disgrazzja, u huwa stess ordna li l-pompi jitwaqqfu biex il-mili ma jitkompliex;

Ise-sekwela tal-fatti minn mindu l-appellant mar jispezjona r-reservoir sakemm sar il-kroll huma riportati fis-sentenza appellata;

L-Ewwel Qorti osservat, fuq il-kondotta tal-appellant dak inhar tal-fatt, illi "l-unika ordni li ta l-imputat kienet li l-pumpjar tal-ilma jieqaf, u fil-fatt il-pumpjar tal-ilma ġie mwaqqaf. Minn ebda parti tax-xhieda ma jidher li l-imputat qal lil Pace biex ma jinżelx fil-ġibjun qabel dan ma jiġi żvujtat mill-ilma. Pace kellu jistenna li jiġi żvujtat l-ilma biex jagħmel it-tiswija, li fi kwalunkwe każ qatt ma setgħet issir meta l-ilma jkun għadu ħiereġ. Mizzi ma semgħax lill-imputat jgħid lil Pace biex jinżel jimmarka t-tnixxija fejn kienet, imma lanqas ma semgħu jgħidlu biex ma jinżelx, u billi normalment, meta jkun hemm xi tnixxija, il-post tagħha jiġi mmarkat biex wara tissewwa, kien preżumibbli li Pace fin-nuqqas ta' divjet dirett, jaħseb li għandu jsegwi l-proċedura normali u jinżel biex isiru l-marki meħtieġa";

Irriżulta, f'dan il-kontest, illi meta l-appellant mar ir-riservoir, huwa niżel fil-ġibjun numru 3 u nnota tnixxija f'żewġ punti ħdejn xulxin, wiesgħa daqs seba' ta' id u l-ilma ħiereġ minn dawn il-punti qiesu minn vit. Kellu miegħu lil foreman Pace, u l-appellant indikalu minn isfel

din it-tnixxija fejn kienet, u, skond l-appellant, qallu biex imur jispezzjonaha. Anthony Mizzi xehed li ra lill-appellant "jifli l-ħajt biċċa biċċa", u illi minn fejn kien ix-xhud huwa ra tnixxija żgħira xi tliet piedi u nofs mill-qiegħ tat-tank, ftit iżjed l-hemm minn nofs tat-tank in-naħa tat-trieq tar-Rabat, u illi dan kien xi kwarta qabel il-kroll. Ix-xhud qal li hu ilu 28 sena jaħdem f'dan ix-xogħol, u illi ma kienetx l-ewwel darba li sabu fissuri simili u sewwewhom. Qal ukoll illi l-appellant qalilhom biex iwaqqfu l-ilma "biex nistgħu nikkunsmaw l-ilma u nirranġaw bil-mod", u illi, meta l-appellant kien ħareġ, il-foreman Paċe ġieb tliet ħaddiema, u, wara li huma niżlu fil-ġibjun, ix-xhud sema qiesha sparatura;

Carmelo Vella, li jaħdem ta' baqqunier Ta' Qali, xehed illi l-foreman Pace qal lilu, lil Paolo Sammut u lil Manwel Abela, biex jinżlu flimkien jimmarkaw fejn kien inixxi l-ħajt. Huma niżlu u mmarkaw bil-baqqun il-postijiet li kienu jnixxu. Meta lestew u kienu sejrin lura, ix-xhud sema' xi ħsejjes u telaq jiġri lejn il-mina. Qal ukoll illi t-tnixxijiet li ra kienu ta' ilma jċarċar mal-ħajt, u mhux nieżel bħal minn vit. Quddiem dil-Qorti, l-istess xhud qal:— "It-tul ta' fejn il-ħajt kien inixxi kien daqs nofs it-tul ta' din l-awla (tal-Qorti Kriminali). Meta ngħid 'inixxi', irrid infisser bħal għaraq mal-ħajt". Anġelo Micallef xehed illi xi ħames minuti qabel il-kroll huwa ra lill-appellant ħiereġ mill-ġibjun;

Ikkunsidrat;

Kemm mix-xhieda u kemm miż-żewġ perizji ġie stabbilit illi l-kroll sar f'daqqa, u mingħajr ebda ndikazzjonijiet premonitori. Infatti, it-tieni periti qalu hekk:— "Dawn id-disturbi kollha ġraw fi żmien qasir ta' ftit sekondi......". U l-ewwel periti qalu (fol. 151-152)): "Il-fatt li l-ħaddiema niżlu juri ċar illi ma kien hemm ebda sinjali esterni minaċċjanti d-diżastru. Kieku, infatti, dak ix-xaqq (li semmiet lill-periti d-difiża) eżista fil-blat kien ikun ta' avviż u ta' valvola ta' sikurezza ("safety valve")";

Inoltre, ftit qabel id-disgrazzja, l-istess appellant kien niżel fil-ġibjun u għamel żmien jispezzjona l-ħajt u t-tnixxija

tal-ilma. Kif osserva x-xhud Anthony Mizzi, ta' 28 sena esperjenza, din ma kienetx l-ewwel darba li sabu fissuri simili u sewwewhom. Illi ma kien hemm ebda ndikazzjoni ta' perikolu jidher ukoll mill-fatt stess li Pace, foreman tax-xogħolijiet u persuna ta' esperjenza, ma ra ebda perikolu fit-tnixxijiet illi jinżel huwa fil-ġibjun u jieħu tnejn oħra miegħu biex jimmarkaw il-ħajt. Kif jindikaw il-provi, it-tnixxijiet kienu ftit; tant li l-ħaddiema laħqu mmarkawhom bil-baqqun u kienu sejrin lura meta sar il-kroll. Dan ġara, skond xhud ħames minuti, u skond xhud ieħor kwarta, wara li l-appellant kien telaq. Issa, anki jekk l-appellant qal lil Pace biex imur jispezzjona t-tnixxijiet, żgur li Pace, kieku ma kienx għal kollox konvint miċ-ċirkustanzi illi seta' bla biża' ta' xejn imur dak il-ħin stess kif telaq l-appellant, żgur li huwa ma kienx jinżel fil-ġibjun;

Iżda l-Ewwel Qorti rriteniet, u bir-raġun, taħt iċ-ċirkustanzi, illi meta l-appellant ta x-xhieda tiegħu dak in-har stess tal-każ, "huwa seta' kien taħt effett ta' shock u ħalla barra xi kliem ieħor li qal lill-foreman. Infatti, Toni Mizzi fl-4 ta' Ġunju stess jgħid li sema' lill-imputat jgħid lill-foreman biex iwaqqfu l-ilma 'biex inkunu nistgħu nikkunsmaw l-ilma u nirranġaw bil-mod'. Fis-6 ta' Ġunju l-istess Toni Mizzi qal:— 'Sa fejn naf jien, il-perit ma qalx lill-foreman biex jinżel fil-ġibjun ħalli jimmarkaw it-tnixxija." L-Ewwel Qorti ppreferiet, bħala versjoni tal-fatti, ix-xhieda ta' Mizzi, u rriskontrat ħtija fl-appellant għax irriteniet illi huwa ma tax divjet dirett lil Pace biex ma jinżelx fil-ġibjun, u illi kien preżumibbli li Pace kien jaħseb li għandu jsegwi l-proċedura normali u jinżel biex isiru l-marki meħtieġa;

Bid-deferenza kollha lejn l-Ewwel Qorti, din il-Qorti tosserva fl-ewwel lok illi, jekk Pace ħaseb li kellu jsegwi l-proċedura normali u jinżel jimmarka t-tnixxijiet, dan għamlu għax ma kien hemm ebda ndikazzjoni ta' perikolu, u kollox kien normali; u allura anki għall-appellanti kollox kien jidher normali. Imma mbegħad il-kliem kif riferiti minn Mizzi, illi l-appellant qal lil Pace, ċjoè "iwaqqfu l-ilma biex inkunu nistgħu nikkunsmaw l-ilma u nirranġaw bil-mod". jimpurtaw illi l-ewwel iwaqqfu l-ilma biex ikunu

jistgħu jikkumsmawh u mbgħad jirranġaw bil-mod, u hekk illi l-ewwel ħaġa li kellha ssir kienet it-twaqqif tal-ilma u l-iżvujtar tal-ġibjun. Darba li dawk il-kliem jipprestaw ruħhom għal din l-interpretazzjoni, hija din li għandha tipprevali; u dan apparti, kif diġa ntqal, illi kollox ġara f'daqqa, mingħajr sinjali ta' anormalità;

Għalhekk, anki fir-rigward ta' dan il-kap, mhix assodata n-negliġenza tal-appellant;

Il-kumpless tal-provi jindika illi f'dan il-każ kellu prevalenza l-element fortuwitu. Il-ħajt tal-ġibjuni inkorporati mill-appellant fil-proġett tiegħu kienu ġew skavati fil-blat fuq pjantar u eżekuzzjoni ta' nġinieri biex iservu għat-taħżin tal-ilma. Skond l-opinjoni tat-tliet periti addizzjonali, kollox kien jindika li l-ħajt kien ta' forza tali li seta' bil-fiduċja kollha jaqdi l-funzjoni li ġie adoperat mill-appellant li jkompli jaqdi. Sal-mument tal-kroll, il-ħajt ma ta ebda indikazzjoni li kien sejjer iċedi, u baqa' jispira l-istess fiduċja lil kull min kellu x'jaqsam miegħu;

Għalhekk il-fatt, fil-kumpless tiegħu, ma jintitolax lill-Qorti ssib pruvata, quddiem il-liġi, il-ħtija tal-appellant;

Għal dawn il-motivi;

Tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara lill-appellant mhux ħati, u tordna li jiġi liberat.